# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 22 ta' Ġunju 2023**

**Appell numru 294/2016**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Wayne CAMILLERI**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' Wayne CAMILLERI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 314092M) minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-16 ta' Mejju 2022 fejn ġie mixli talli:

   i)Nhar l-20 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tas-6.30pm ġewwa Triq Villambrosa, il-Ħamrun, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana li l-valur tagħhha jammonta għal Ewro 250 liema serq sar għad-dannu ta' Maria Grech, persuna anzjana detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 516237M u liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' Ewro 2,329.37 u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(a)(ċ), 262(1)(a)(b), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
   ii) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Maria Grech, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 516237M li hija persuna li għalqet sittin sena, hekk skond kif iċċertifikat Dr. Dalli Badjadi MD (Reg No. 3358) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-

Furjana, u dan bi ksur tal-Artikoli 215 u 221(1) u 222A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) U aktar talli nhar it-28 ta' April 2016 għall-ħabta ta' 12.45am ġewwa Triq Id-Duka ta' Edinburgh, Ħamrun flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana li valur tagħha jammonta għal Ewro 350 liema serq sar għad-dannu ta' Frances Bezzina, persuna anzjana detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 807344M u liem serq huwa aggavat bil-vjolenza u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' Ewro 2,329.37 u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(a)(ċ), 262(1)(a)(b), 267 u 279(a) tal-kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) u aktar talli nhar l-14 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tal-10am ġewwa Triq Il-Kbira San Gużepp, Ħamrun flimkien ma' persuna oħra kkommetta serq ta' ġiżirana li l-valur tagħha jammonta għal Ewro 400 liema serq sar għad-dannu ta' Maria Stella Baldacchino persuna anzjana detentriċi ta' karta tal-identita' bin-numru 588636M u liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' Ewro 2329.37 u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(v) u aktar talli nhar it-13 ta' Mejju 2016 għall-ħabta ta' 12.30 ta' filgħaxija ġewwa Triq Tommaso Caruana Demajo, Ħamrun flimkien ma' persuni oħra kkommmeta serq ta' ġiżirana tad-deheb li l-valur tagħha mhux magħruf, liema serq sar għad-dannu ta' Emmanuela Dennis persuna anzjana detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 1118647M u liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' Ewro 2329.37 u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 18, 31(1)(b), 41, 257D(1)(ċ), 284, 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat appellant Wayne CAMILLERI ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed (mhux aggravat bil-vjolenza u l-valur), tlieta (mhux aggravat bil-vjolenza u l-valur), ħamsa (mhux aggravat bil-valur), sitta (mhux aggravat bil-valur), tmienja (mhux aggravat bil-valur), tlettax (mhux aggravat bil-valur), ħmistax, sittax (mhux aggravat bil-valur) u sbatax u kkundannatu għal perjodu ta' priġunerija effettiva ta' disa' xhur filwaqt li illiberatu mill-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu fuq nuqqas ta' provi.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant CAMILLERI appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġġħobha tirriforma s-sentenza appellata billi

tikkonfermaha f’dik il-parti tagħha fejn ma sabitx ħtija fl-appellant ċjoe’ għal dak li jirrigwarda t-tieni, ir-raba’, id-disa’, l-għaxar, il-ħdax, it-tnax, l-erbatax, it-tmintax, id-dsatax u l-għoxrin imputazzjoni u tħassarha u tannullaha f’dik il-parti tagħha fejn sabet lill-imputat appellant ħati tal-ewwel, tat-tielet, tal-ħames, tas-sitt, tas-seba’, tat-tmien, tat-tlettax, tal-ħmistax, tas-sittax u tas-sbatax -il imputazzjoni u għar-raġunijiet suesposti, tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew alternattivament tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tiġi mposta piena aktar ġusta u ekwa għall-każ odjern u dan wara li stqarr is-segwenti:

(i) Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-valur probatorju taż-żewġ stqarrijiet tal-appellant fl-atti ta’ dawn il-proċeduri. Essenzjalment l-ewwel Onorabbli Qorti waslet għal ħtija fil-konfront tal-appellant a bażi tal-kontenut ta’ l-istqarrijiet tiegħu. Fil-fatt minn analiżi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li għajr għal dawn l-istqarrijiet tal-appellant, il-provi li ġew prodotti ma humhiex b’saħħithom biżżejjed sabiex tinstab ħtija fil-konfront tal-appellant. Fil-fatt tajjeb wieħed jgħid li l-ebda xhud ma identifika lill-appellant bħala l-malvivent li wettaq ir-reati, ma hemm l-ebda prova tal-valur tal-oġġetti misruqa, u għajr għall-istqarrijiet, ma hemm ebda prova li torbot lill-appellant mar-reati addebitati fil-konfront tiegħu;

(ii) Illi jirriżulta li fit-teħid taż-żewġ stqarrijiet, l-appellant ingħata d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma dawn ittieħdulu bl-appellant jirrifjuta tali assistenza legali. Hawnhekk l-appellant jagħmel referenza għall-każistika reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Andrew Mangion fir-rigward ta’ dawk l-istqarrijiet meħudin mingħajr id-dritt tal-assistenza legali fil-mument tat-teħid tal-istqarrija bil-miktub da parte tas-suspettat appellant. Isegwi li l-appellant għandu jiġi lliberat tenut kont tal-iskarsezza ta’ provi prodotti fil-konfront tiegħu.

(iii) Illi t-tieni aggravju, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, jirriżulta li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jissodisfawx suffiċjentement il-grad tal-prova rikjest mil-Liġi fil-kamp penali sabiex tinstab ħtija fil-konfront tal-appellant. Dan qiegħed jingħad prinċipalment għaliex l-ebda wieħed mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma identifika lill-appellant bħala l-persuna li wettaq ir-reat. In oltre l-prova kruċjali hija mankanti u ċjoe’ l-prova tal-valur tal-oġġett misruq.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta’ reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta’ din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

8. Din il-Qorti trid allura tara jekk u safejn dawn il-provi li jkunu prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. Allura trid tistħarreġ kemm dak il-provi jkunu legalment ammissibbli kif ukoll sostantivament rilevanti.

9. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li bħala regola għandha tinġieb il-prova l-iktar sħiħa u sodisfaċenti li l-każ ikun jagħti kif ukoll li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, jekk ix-xiehda tiegħu tiġi emnuta minn min ikun irid jiġġudika l-każ, allura din ix-xiehda titqies li tkun biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ikun ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss. Dan il-prinċipju ġie konfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati iddeċidew fil-passat.[5]

11. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-**best evidence rule**, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

12. Illi allura l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa bħala regola tmur lil hinn minn prova li tkun milquta mir-regola tal-esklużjoni tal-**hearsay evidence**. Fil-fatt din ir-regola tiġi applikata fil-kamp penali Malti b'manjiera partikolari. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

13. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

14. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-

depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

15. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

16. Huwa għalhekk li qabel xejn allura l-provi fi proċedimenti kriminali trid tkun l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa. Biss dan ma jfissirx li f'ċerti każijiet dawn il-provi ma jistgħux iwasslu għal xi konflitt fil-provi prodotti. Kif gie ritenut fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[6]

mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

17. L-għan li titressaq l-aħjar prova u dik l-aktar sħiha huwa li kemm jista' jkun fil-proċess kriminali toħroġ il-verita storika. Iżda din hija l-ikbar sfida li jkollhom dawn il-Qrati minħabba li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal li tiġi skoperta dik il-verita'. Xhud

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb tiegħu. Minħabba f'hekk jeżisti r-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx id-don li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. U l-Qrati huma marbuta li fid-deċiżjonijiet tagħhom jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom.

18. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija mnisla mis-sistema Ingliż fejn persuna akkużata tista' tiġi misjuba ħatja biss meta fil-każ tagħha tkun inġiebet l-aħjar prova u dik l-aktar sħiħa u li bis-saħħa tagħha l-ħtija ta' dik il-persuna tkun ġiet pruvata **lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni**. Biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi Maltija teħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ssib akkużat ħati din trid tkun ċerta - lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni - "sure" fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ ikun seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment meħetieġ mill-Liġi biex tinstab ħtija; livell ta' konvinċiment li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Għalhekk biex tkun tista' tinstab ħtija fl-akkużat il-grad ta' suffiċjenza probatorja trid twassal lil min irid jiġġudika l-fatti li jħossu ċert, "sure", mill-ħtija tal-akkużat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

19. Fil-każ Ingliż **Majid**,[8] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

[7] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

21. Il-livell ta' konvinċiment fil-livell ta' "sure" mhux ġdid għas-sistema Penali Malti fejn saħansitra l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tal-konvinċiment sal-grad **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiż mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat ta' ħtija tal-imputat biex b'hekk ġja mill-1957 dik il-Qorti kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mal-grad ta' konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll anke illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. Livell ta' konvinċiment inqas minn dak tas-sikurezza huwa l-livell tal-bilanċ tal-probabbilitajiet. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment li huwa meħtieġ li jintlaħaq mid-Difiża fil-każ li din tagħżel li tressaq prova jew argument favur l-akkużat. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, b'mod li minħabba f'hekk Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma jkollhiex dik is-sikurezza fil-ħtija tal-akkużat, allura f'dak il-każ, dik il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat u għandha tgħaddi sentenza li l-akkużat ma jkunx ħati. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda

jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

24. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

27. Illi dan il-każ jitratta serje ta’ episodji ta’ serq li saru fuq numru ta’ anzjani fl-inħawi tal-Ħamrun, tal-Pieta’ u l-Marsa fil-perjodu ta’ bejn April u Ġunju tas-sena 2016. Fit-3 ta’ Ġunju 2016, daħal rapport l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun illi għall-ħabta ta’ ħamsa ta’ filgħaxija, fl-akwati tal-Victor Tedesco Stadium, kienet saret serqa fuq mara anzjana bl-isem ta’ Vittoria Dalli u li malvivent kien qiegħed jinżamm miżmum minn persuna oħra. Il-Pulizija immedjatament irrikorriet fuq il-post fejn sabu li kien hemm ċertu Dennis Thortnon, li kien jaħdem bħala Correctional Officer fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin, li kien qiegħed iżomm dik il-persuna li kien raha tiġri fl-istess waqt li mara anzjana bdiet tgħajjat li kienet sfat idderubata. Dan inzerta kien qiegħed fl-inħawi u kif induna x’kien ġara, ħa azzjoni sabiex iwaqqaf lill-malvivent milli jkompli jaħrab minn fuq il-post. Illi jirriżulta wkoll li l-anzjana vittma tas-serqa Vittoria Dalli, għarrfet li dik il-persuna li kienet qiegħda tinżamm minn Dennis Thorton kienet l-istess waħda li kienet qaċtitilha l-ġiżirana minn għonqha u telqet tiġri biha. Jirriżulta li kien hemm persuna oħra bl-isem ta’ Richard Dimech li qal li kien ra l-inċident iseħħ.

28. Il-Pulizija minnufih arrestaw lis-suspettat fejn dan ittieħed il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija ġewwa l-Furjana. Il-Pulizija identifikaw lis-suspettat bħala l-appellant Wayne CAMILLERI u wara li ġie amministrat lilu d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma jiġi mitkellem mill-Pulizija, liema dritt huwa rrifjuta, CAMILLERI irrilaxxja żewġ stqarrijiet mal-Pulizija waħda datata 3 ta’ Ġunju 2016 (fol. 227 tal-atti proċesswali) u l-oħra l-għada, l-4 ta’ Ġunju 2016 (fol. 230 tal-atti proċesswali). F’dawn l-istqarrijiet, il-Pulizija irrinfaċjat lill-appellant b’numru ta’ serqiet li fir-rigward tagħhom kienu daħlu rapporti fl-istess perjodu u dan minħabba li dawn is-serqiet ilkoll kienu seħħew fl-inħawi tal-Ħamrun u fil-qarib u kienu wkoll ikkaratterizzati mill-istess modus operandi. L-appellant ammetta l-involviment tiegħu f’uħud minn dawn is-serqiet.

29. Sussegwentement, nhar il-5 ta’ Ġunju 2016 il-Pulizija pproċedew billi ressqu lill-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn ġie mixli fost oħrajn, fuq serje ta’ serqiet aggravati, u nhar is-16 ta’ Mejju 2022, ġie misjub ħati kif intqal iktar ‘ il fuq mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali.

**L-aggravji tal-appellant: Il-validita' tal-Istqarrijiet irrilaxxjati mill-appellant mingħajr il-jedd għall-assistenza legali fil-mument tar-rilaxx tal-istess u n-nuqqas tal-valur probatorju tal-evidenza miġjuba f'dan il-każ.**

30. Iż-żewġt aggravji tal-appellant sejrin jiġu trattati flimkien in kwantu l-Qorti tara rabta sħiħa bejniethom, kif sejjer jiġi muri iżjed il-quddiem.

31. L-appellant CAMILLERI irrilaxxja żewġ stqarrijiet mal-Pulzija, waħda nhar it-3 ta' Ġunju 2016 u l-oħra nhar l-4 ta' Ġunju 2016 u dan wara li kien ġie offrut lilu d-dritt għall-assistenza legali liema dritt dak iż-żmien tat-teħid tal-istess kien jikkonsisti fid-dritt li jikkonsulta ma' avukat jew prokuratur legali tal-fiduċja tiegħu qabel it-teħid tal-istqarrija mill-Pulizija. Jirriżulta minn foljo 226 tal-atti proċesswali li l-appellant irrifjuta li jużufruwixxi mid-dritt tal-assistenza legali kif ingħad. Ukoll, l-appellant ġie imwissi mill-Uffiċjali Investigattivi bid-dritt tiegħu illi ma jweġibx għad-domandi li kienu sejrin isirhulu bħala parti mit-teħid tal-istqarrija tiegħu.

32. Fiż-żmien tar-rilaxx ta' dawn id-dikjarazzjonijiet tiegħu, il-Liġi viġenti kienet dik li daħħlet fis-seħħ permezz ta' Att III tal-2002 li introduċiet fis-sistema ta' Liġi Malti forma ta' dritt ta' assistenza legali konsistenti fil-fakulta' li l-persuna arrestata jew qegħda tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata, tkun tista' titlob u titħalla kemm jista' jkun malajr sabiex tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon għal mhux aktar minn siegħa żmien. Dan id-dritt daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar tas-sena 2010.

33. Fiż-żmien li CAMILLERI irilaxxja l-istess dikjarazzjonijiet, il-Liġi Maltija kienet tapplika wkoll ir-regola tal-inferenza liema regola kienet tidħol fis-seħħ meta l-akkużat jew suspettat ta' reat li jkun użufruwixxa mid-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat għal massimu ta' siegħa qabel l-interrogazzjoni tiegħu b'rabta mal-istess reat ikun imbagħad ibbaża d-difiża tiegħu fil-proċess penali li jkun inġieb kontra tiegħu fuq xi fatt/i li ma jkunx/ikunux issemma'/issemmew minnu fl-interrogazzjoni.

34. Illi maż-żmien, il-Liġi penali Maltija kompliet tevolvi sabiex tirrifletti l-evoluzzjoni tad-dritt Ewropew għal dak li jirrigwarda d-drittijiet konċessi lill-persuni suspettati u akkużati ta' reat kriminali.

Fit-28 ta' Novembru 2016 ġie promulgat l-Att LI tas-sena 2016 li introduċa – fost oħrajn - l-Artikolu 355AUA fil-Kodiċi Kriminali. Din id-dispożizzjoni kienet parti minn diversi disposizzjonijiet li ġew introdotti taħt is-Sub-titolu IX tat-Titolu I tat-Taqsima I fil-Kodiċi Kriminali li ġiet imfassla fuq id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għall-avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew u taqra hekk:

> (1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħallihateżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.
> (2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċessgħal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:
> (a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jewminn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtoritàġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;
> (b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jewawtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' naturainvestigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħraskont is-subartikolu (8)(e);
> (ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.

35. Illi l-pożizzjoni li kienu qiegħdin jaddottaw il-Qrati Maltin wara d-deċiżjoni mill-QEDB fl-ismijiet **Borg vs. Malta**[10] kienet dik li tiġi dikjarata l-inammissibilita' ta' dawk l-istqarrijiet irrilaxxjati mill-persuna suspettata u mbagħad akkużata u dan b'referenza għal dawk l-istqarrijiet li kienu jingħataw mingħajr ma' dan ikollu d-dritt għall-aċċess għall-assistenza legali fil-mument tal-interrogazzjoni, biex b'hekk kienu jordnaw l-isfilz mill-atti proċesswali tal-istess dokumenti. F'dik id-deċiżjoni intqal hekk:

> '56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).

[10] Deċiża fit-12 ta' Jannar 2016 u reża finali fit-12 ta' April 2016 (applikazzjoni numru:37537/13)

57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently “practical and effective” Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).

58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).

(ii) Application to the present case :

59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.

60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, Pagna 27 minn 127 no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).

61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).

**62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a**

**systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56). 63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.**[11]

36. Aktar reċentement, il-QEDB kompliet tiżviluppa l-linja tal-ħsieb tagħha b'mod li bdiet titbiegħed mill-posizzjoni li tikkonsidra ksur awtomatiku ta' dritt għal smiegħ xieraq tal-akkużat f'każ li kienet teżisti ristrezzjoni sistemika għad-dritt għall-assistenza legali fil-fażi 'pre-trial' iżda addottat dawk posizzjoni li kienet teħtieġ skrutinju akbar tal-fattispeċje u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ in bażi għal sensiela ta' kriterji li ġew espressi f'każijiet sussegwenti fosthom **Beuze vs. Belgium**[12] u **Farrugia vs. Malta.**[13]

37. Fil-kawża **Farrugia vs. Malta**, b'referenza għall-kriterji enunċjati **f'Beuze vs. Belgium**, il-QEDB stqarret hekk:

'98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no.37537/13, 12 January 2016).

**99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph.**[14] In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below. (i) Concept of compelling reasons

---

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.
[12] Deċiżjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018 (applikazzjoni numru: 71409/10).
[13] Deċiżjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019 u reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019 (applikazzjoni numru: 63041/13)
[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

100. The criterion of “compelling reasons” is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect’s first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).

(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test 101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145). 102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against selfincrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146). 103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).

(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment 104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court’s case-law, should, where appropriate, be taken into account:

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion; (e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;
(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;
(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and (j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).'

118. However, the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case. The Court notes that they did not contain any confessions nor was their content self-incriminating. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position (see, for example, Schmid-Laffer v. Switzerland, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22 above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt. In consequence its assessment of the applicant's credibility on the basis of his pre-trial statements can be considered as having been made ex abundanti cautela (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position. (iii) Conclusion

**119. In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the**

> **criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.**
>
> **120. There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.**[15]

38. U din il-linja ġurisprudenzjali ġiet abbraċċjata pjenement mill-Qrati Maltin f'każijiet fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Lamin Samura Seguba,**[16] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt u Omissis,**[17] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ahmed El Fadali Enan,**[18] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rosario Militello,**[19] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf Josephine Wadi.**[20]

39. Iżda iktar reċenti, il-Qorti Kostituzzjonali kienet bdiet tieħu posizzjoni iżjed konsoni ma' dik il-linja ta' ħsieb espressa mill-QEDB f'**Borg vs. Malta** aktar milli f'**Farrugia vs. Malta**. Minħabba f'hekk, u fuq din l-influwenza u direzzjoni tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali kienu bdew ukollj addottaw pożizzjoni iktar riġida minn dawk il-linji gwida enunċjati mill-QEDB f'**Beuze** u f'**Farrugia**. F'dan is-sena allura ingħataw sentenzi bħal **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Keith Cremona** deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2022 mill-Qorti Kriminali; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carl Caruana** deċiża nhar deċiża mill-Qorti Kriminali kif preseduta nhar is-6 ta' Diċembru 2022; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andrew Mangion** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Mejju 2022; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-22 ta' Ġunju 2022.

40. Il-ħsieb wara din il-posizzjoni kostituzzjonali kienet sabiex jiġu evitati lanjanzi dwar ksur sistemiku ta' drittijiet fundamentali tal-akkużat. Fil-fatt il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ta' **Morgan Onuorah vs. l-Avukat tal-Istat** deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2021 qalet hekk:

> 25. Fl-aħħar aggravju r-rikorrent argumenta dwar ir-rimedji. Isostni li:

---

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.
[16] Deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)
[17] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 2021
[18] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2021.
[19] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2021
[20] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2021.

“Illi jiġi rilevat illi jekk hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem minħabba kemm l-operat tal-Pulizija Investigattiva u kemm mill-Avukat Generali, awtomatikament il-proċeduri sussegwenti fil-konfront tal-appellanti kienu monki u jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem peress li bdew u bbazati fuq ċirkostanzi leżivi għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. L-appellant jirrileva illi l-Qorti bħala Sede Kostituzzjonali għandha tiggarantixxi il-korrettezza tal-proċeduri meħuda u s-sentenza infushom fis-sens illi għandhom jiġu garantiti l-ħarsien ta’ ċertu prinċipji proċedurali li huma indispensabbli għall-amministrazzjoni tajba tal- ġustizzja”.

26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta’ avukat ta’ fiduċja tal-attur m’huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta’ smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta’ dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l- istess insenjament. Li s-suspettat jitkellem ma’ avukat qabel l-interrogazzjoni, l- assistenza ta’ avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura adversarial tal-kawża kriminali sussegwenti, m’humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq: “57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant’s right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)”.

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta’ dik il-Qorti internazzjonali, jibqa’ l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is- sentenza ta’ Salduz f’Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta’ assistenza ta’ avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat- 13 ta’ Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-‘overall fairness’ tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il- prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f’proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta’ avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu.'

'30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil- kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE

tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal- Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat iddritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija. Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah (att ta' akkuża numru 11/2015) tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal- pulizija.

41. L-istess ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **The Police vs. Alexander Hickey** deċiża fl-istess ġurnata u **Clive Dimech vs. Avukat Ġenerali.**[21] Ukoll, **f'Christopher Bartolo vs. Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**[22] u sussegwentement fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat**[23] il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet is-segwenti b'rabta ma' dawk l-istqarrijiet li l-ewwel kien irrilaxxja lill-Pulizija u sussegwentement dawk li huwa kien ikkonferma quddiem il-Maġistrat Inkwirenti taħt ġurament.

42. Fil-każ **Bartolo vs. Avukat Ġenerali et** il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet hekk:

34. Fis-sentenza moghtija fis-27 ta' Novembru, 2017 fl-ismijiet Gordi Felice v. Avukat Generali13 din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti ghall-kaz odjern:
"59. Fil-kaz tallum, bhal fil-kaz ta' Dimech14, il-proceduri ghadhom ma ntemmux. Il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech, kienet qalet illi trid tqis ilproċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq. L-istess ħaġa qalet fis-sentenza aktar riċenti mogħtija fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech et v. Malta, fejn iċ-ċirkostanzi kienu jixbhu dawk tal-każ tallum.
"................................... omissis ...................................
"60. L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said15, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ukoll jekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali, ma jidher li hemm xejn kompromettenti għall-attur fiha. Il-qorti tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-posizzjoni x'aktarx estrema li ħadet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg li xejn ma qieset jekk nuqqas ta' avukat jistax fiċ-ċirkostanzi jkun biss nuqqas formali li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur.

---

13 Kos.3/15 deciza 27 Novembru 20 – Ara ezami komparattiv ta' kazistika relevanti tal-Qorti Ewropea maghmul minn din il-Qorti 14 Q.E.D.B Dimech vs Malta deciz fit-4 ta' April 2015 15 Kost. 24 Gunju 2016 Rik. Kost. 92/16 27
14 Q.E.D.B Dimech vs Malta deciz fit-4 ta' April 2015
15 Kost. 24 Gunju 2016

---

[21] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Lulju, 2020)
[22] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 t'Ottubru 2018.
[23] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 t'April 2022.

Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali sabiex, meta l-process kriminali jintemm, ma jkunx tnigges b'irregolarita` li tista' twassal ghall-konsegwenti bhal dawk fil-kaz ta' Borg."
35. Fil-kaz odjern jirrizulta car li fl-istqarrijiet tieghu r-rikorrent, minkejja li qabel ma irrilaxxja l-ewwel stqarrija, l-avukat tieghu kien tah il-parir li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda iddecieda li jirrispondi ghad-domandi waqt l-interrogazzjoni, bir-rizutlat li stqarr certu fatti inkriminanti ghalih in kwantu ammetta li kien jixtri l-blokkok tal-cannabis, kemm ghall-konsum personali tieghu kif ukoll sabiex ibiegh lil terzi. Fil-fatt stqarr li kien ibiegh minnha lill-barranin li kienu Ghawdex. B'dan il-mod huwa kien ammetta li kien jittraffika dik id-droga. L-istess ammissjoni kienet giet ripetuta fit-tieni stqarrija fejn ir-rikorrent amplifika wkoll dwar minn ghand min kien jixtri d-droga.
36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt filproceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu lkontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan irrigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process talproceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom millQorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat filkwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.
37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur taddritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan iddritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.
38. Ghaldaqstant f'dan is-sens il-parti tal-aggravju hija fondata u qed tigi milqugha fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

43. Sussegwentement, f'**Bartolo vs. Avukat tal-Istat,** il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha datata 22 ta' Ġunju 2021 kienet stqarret hekk:

74. Daqshekk huwa importanti li stqarrija tittieħed bil-garanziji kollha li jħarsu d-drittijiet ta' min ikun qiegħed jirrilaxxja għaliex l-ammissjoni hija wara kollox ir-regina. Di fatti Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70: "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall." Iġifieri, prova waħda ottenuta kontra l-liġi, tista' waħedha tikkontamina l-proċess kollu. Ghaldaqstant il-Qorti kkonkludiet bis-segwenti:

79. Il-Qorti qed tipprova tirrinkonċilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018. Dik il-Qorti ordnat, li biex ma

jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaginazzjoni tista' tasal għall-konklużjoni li l-konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma għandhomx ukoll ikunu mwarrbin. Kważi kwazi dan għandu xebħ mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tiegħu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess.

44. Imbagħad il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza mogħtija minnha f'din l-istess kawża fuq appell li kien sar mill-Avukat tal-Istat kienet allura rriteniet illi:

27. Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi 'l quddiem u wkoll fid-dawl ta' dak li lappellant qal dwar it-tieni aggravju tiegħu (li għadu kemm intlaqa'), jidhrilha xieraq li tgħid li jekk inhu minnu li l-ammissjonijiet ripetuti li lappellat għamel qabel ma fetaħ l-ewwel kawża kostituzzjonali tiegħu ma kinux imġiegħla, dan xorta waħda jaf jolqot dak li ġara bl-għoti tassentenza tas-27 ta' April, 2017, mill-Qorti Kriminali. Dik is-sentenza ngħatat wara li l-appellat kien ressaq l-ewwel kawża kostituzzjonali tiegħu, imma qabel ma ngħatat is-sentenza tal-ewwel Qorti fl-imsemmija kawża kostituzzjonali. Meta ngħatat is-sentenza ta' din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2018, il-każ kriminali kontra l-appellat kien fl-istadju tas-smigħ tal-appell tiegħu mis-sentenza tal-2017, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif għadu sallum. Ladarba bis-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 2018, fl-ewwel kawża kostituzzjonali, din il-Qorti ordnat "li ma jsirx aktar użu filproċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxati mir-rikorrent", hekk ukoll m'għandux isir użu mill-istqarrija maħlufa li l-appellat għamel quddiem ilMaġistrat Inkwirenti (ladarba l-appell tal-Avukat tal-Istat f'dan ir-rigward mhux qed jintlaqa');
28. Illi kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2018, huwa ċar li l-istqarrijiet li ta l-appellat lill-Pulizija se jkollhom u kellhom impatt fil-proċeduri kriminali u l-eżitu tagħhom27. Mela dak li jgħodd għallimsemmija stqarrijiet u l-użu li seta' jsir minnhom f'dawk il-proċeduri, issa, bis-saħħa ta' dak li qiegħed ikun deċiż f'din is-sentenza, jgħodd ukoll għall-istqarrija maħlufa mill-appellat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Ukoll jekk l-imsemmi mpatt ma jolqotx l-ammissjonijiet li huwa għamel u tenna fuq medda ta' żmien matul il-proċeduri msemmija sa ma nħareġ lAtt tal-Akkuża (bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392B(1) u (4) tal-Kodiċi Kriminali), il-fatt li seta' jsir użu mill-istqarrija maħlufa kien jaf joħloq ħsara lill-appellat. Kemm hu hekk, joħroġ ċar minn qari mqar ħafif tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' April, 2017, li ħafna mill-kunsiderazzjonijiet magħmulin minn dik il-Qorti hija u tkejjel il-piena li kellha tagħti lill-appellat akkużat, kienu jsemmu l-imsemmija stqarrijiet u dak li jingħad fihom;
---------------------------------------------------------------------------
27 Ara §§ 36 – 7 tal-imsemmija sentenza Rik. Kost. 255/20/3

29. Illi għalhekk din il-Qorti tqis li, ladarba b'din is-sentenza se tagħti r-rimedju li lanqas ma jmissu jsir użu aktar tal-istqarrija maħlufa mirrikorrent appellat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, hekk ukoll għandha tagħti rimedju għat-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali safejn jirrigwardaw il-

kunsiderazzjonijiet li saru fiha dwar dak li l-akkużat stqarr qabel ma irreġistra għal aktar minn darba l-ammissjoni tiegħu għall-akkużi mressqa. Ladarba ngħad li hemm provi oħrajn li fuqhom il-Qorti Kriminali tista' tikkalibra l-piena li għandha tingħata lill-appellat, ikun xieraq u konformi ma' dak deċiż minn din il-Qorti (kemm fis-sentenza talewwel kawża kostituzzjonali u kif ukoll f'din) li dak il-kejl isir fuq is-saħħa tal-provi l-oħrajn imsemmija, bla ma b'hekk jittiefes il-jedd tal-appellat għal smigħ xieraq minħabba l-istqarrijiet li huwa ta;

45. Fuq din il-linja ta' ħsieb allura ingħataw sentenzi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andrew Mangion,**[24] fejn ġie ritenut:

Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata taddrittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxiex maddirezzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm, kif ingħad, il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu. Intqal hekk fl-aktar deċiżjoni reċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali : -

11. Illi dan ifisser ukoll li għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li lproċess kontrih għadu mhux mitmum), x'aktarx iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha. .....

15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu ta' bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq. F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu. ...

Iżda finalment imbagħad ġie hekk deċiż:

[24] Deċiża 22 ta' Ġunju 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)

Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li l-appellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, imma sewwasew biex jitneħħa l-biżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak;

18. Illi l-Qorti allura trid neċessarjament timxi mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali, u dan għalkemm f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jistax jingħad illi l-prova magħmula permezz tal-istqarrija tal-akkużat hija mittiefsa minn xi difett proċedurali li jirrendieha inammissibbli, kif tajjeb tikkonkludi l-Qorti Kriminali. Dan qed isir ukoll bil-għan li jkun hemm trattament ugwali bejn il-persuni kollha li jersqu quddiem il-qrati penali sabiex ikunu ġġudikati dwar reati allegatament minnhom kommessi u wkoll sabiex ikunu evitati proċeduri ulterjuri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bil-proċess ġudizzjarju jitwal inutilment.

46. Imma l-iżjed pronunzjament riċenti li kien mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2023 fl-appell fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs. L-Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija** ġie mistqarr hekk:

10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.

11. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu waqt l-interrogazzjoni. Inoltre, waqt il-proċeduri kriminali l-attur kellu d-dritt li jikkontesta l-ammissibilità tal-istqarrija, oltre li seta' jikkontesta l-kontenut tagħha permezz ta' kull prova li kien iħoss li kienet relevanti, u fil-fatt jirriżulta li l-proċeduri kriminali ilhom fi stadju ta' provi tad-difiża għal żmien sostanzjali. Apparti minn hekk, l-appellant kellu kull dritt li jixhed u jagħti verżjoni differenti quddiem il-Qorti, dritt li jirriżulta li għamel użu estensiv minnu, tant illi d-depożizzjoni tiegħu ġiet maqsuma fuq żewġ seduti.

12. Dwar il-vulnerabbilità o meno tal-attur, il-Qorti tosserva li minkejja li l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti li ma kienx jiftakar jekk qattx kien għadda minn xi proċeduri kriminali oħrajn barra dawk mertu ta' dawn il-

proċeduri, mis-sistema elettronika tal-Qorti jirriżulta li l-appellant kien involut f'diversi proċeduri kriminali, inkluż proċeduri li bdew kontra tiegħu fl-1996 u li fihom kien instab ħati u ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin flimkien ma' interdizzjoni ġenerali u interdizzjoni milli jservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja għal żmien ta' ħames snin. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant xellef difrejh mal-ġustizzja. Inoltre, għalkemm l-appellant isemmi li huwa kien jieħu ċertu medikazzjoni biex jikkontrolla z-zokkor, u li mingħajr din il-medikazzjoni u ikel kien iħossu dgħajjef, il-Qorti tosserva li mill-atti li ġew preżentati ma jirriżultax li l-appellant kien informa lill-Pulizija li huwa kellu bżonn jieħu xi medikazzjoni u fil-fatt fil-formola li timtela mill-uffiċjal ta' detenzjoni ġie mmarkat li l-appellant ma kien taħt l-ebda kura. F'dan ir-rigward relevanti wkoll li mix-xhieda jirriżulta illi li kieku l-appellant ma kellux il-medikazzjoni meħtieġa miegħu u lanqas il-preskrizzjoni għaliha, il-prassi kienet illi jittieħed il-poliklinika sabiex tkun tista' tinħareġ preskrizzjoni minn tabib biex b'hekk is-suspettat ikun jista' jingħata l-medikazzjoni li jkun jeħtieġ. Għalhekk jidher li jekk l-appellant baqa' nieqes minn xi medikazzjoni dan kien biss għaliex naqas milli jinforma lill-pulizija meta ġie mistoqsi. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, flimkien mal-fatt li fiż-żmien relevanti l-attur kellu aktar minn ħamsin sena u li kien effettivament ikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma ġie interrogat, il-Qorti tqis li ma jirriżulta l-ebda element ta' vulnerabbilità.

13. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pozizzjoni tagħha fuq din it-tema ta' intempestività tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, **Martin Dimech v. Malta** tat-2 ta' April 2015 u **Tyrone Fenech et v.** Malta tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-tehid ta' stqarrija mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f'dan il-każ il-konsultazzjoni kienet waħda limitata.

14. F'dawk is-sentenzi l-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea:

*"applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, **Kesik v. Turkey**, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and **Simons v. Belgium** (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see **Bouglame v. Belgium** (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 I and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies"*

15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalita tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.

16. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment *de quo agitur* jiġu diskussi f'dan l-istadju *in vacuo*. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li ghandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.

17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.

18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.

19. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz. Beuze v**.** Il**-Belġju** deċiża mill-*Grand Chamber* fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza **Carmel Joseph Farrugia v.** Malta deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.

20. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.

21. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza. Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ **Carmel Camilleri v.** Malta deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi:

*«The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the Edwards v. the United Kingdom judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78)* »

22. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara fl-aħħar sentenza **Roderick Castillo v. Avukat Generali** et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri kriminali u Roderick Castillo gie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li:

*"Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat tal-istqarrija, xorta 'on the whole' kellu smigħ* xieraq b'dak li *ġara fl-istadju tal-appell"*

23. Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud.

47. Fl-istess jum, fil-31 ta' Mejju 2023 ingħatat ukoll is-sentenza **Jean Marc Dalli vs. Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat** mill-istess Qorti Kostituzzjonali fejn ġie ribadit:

**Konsiderazzjonijiet**

10. Il-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna.1

11. F'sentenza riċenti2 tal-QEDB, Lalik v. Poland (Application no. 47834/19) ġie mtenni:

*"64. The Court reiterates that it is necessary to view the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves (Ibrahim and Others, cited above, §§ 250-51). In consequence, despite the fact that the applicant did not explicitly cite Article 6 § 1, the*

*Court will examine whether the proceedings as a whole were fair, considering that the need for such an examination derives from the well-established case law on that matter (see Beuze, cited above, §§ 147-48). The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the fact that the applicant was not properly informed of his rights (see, mutatis mutandis, Ibrahim and Others, cited above, § 265).*
*65. The Convention is intended to guarantee rights that are practical and effective and not theoretical and illusory. In this context, the Court recalls that Article 6 § 3 (c) of the Convention must be interpreted as safeguarding the right of persons charged with an offence to be informed immediately of their defence rights, irrespective of their age or specific situation and regardless of whether they are represented by an officially assigned lawyer or a lawyer of their own choosing (see Beuze, cited above, § 129).*
*66. In its analysis of the overall fairness of the proceedings, the Court will examine, to the extent that they are relevant in the present case, the various factors deriving from its case-law as set out in the Beuze judgment (cited above, § 150).”*

-------------------------------------------------------------------------------
1 Beuze v. il-Belġju (71409/2010) tad-9 ta’ Novembru 2018 u Stephens v. Malta (35989/14) tal-14 ta’ Ottubru 2020
2 11 ta’ Mejju 2023

12. Għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-*overall fairness* skont il-varji kriterji (mhux tassattivi) li jissemmew fis-sentenzi Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-*Grand Chamber* fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-QEDB fl-4 ta' Ġunju 2019. Fl-eżerċizzju jispetta lill-intimat li iressaq prova li l-fatt li r-rikorrent ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma ppreġudikax irrimedjabbilment il-każ tiegħu.

13. Il-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien meta r-rikorrent odjern ta l-istqarrija tiegħu, ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Kienet madanakollu tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma’ avukat, wiċċ imb’wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta’ siegħa, qabel ma jiġi interrogat.

14. Hu fatt li meta r-rikorrent ta l-istqarrija lill-pulizija kien għadu ser jagħlaq dsatax-il sena u ma jirriżultax li kellu xi esperjenzi preċedenti simili mal-pulizija jew il-qrati.

15. Min-naħa l-oħra jirriżulta li qabel ta l-istqarrija r-rikorrent tkellem ma’ avukat ta’ fiduċja tiegħu, kif kellu jedd li jagħmel.

16. Ir-rikorrent ingħata wkoll twissija ċara li kellu dritt li ma jweġibx għad-domandi, u dak li jgħid kien ser jitniżżel bil-miktub u jista’ jinġieb bi prova. Saħansitra kien ikkonferma l-istess stqarrija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti wara li qal li *“.... jiena tkellimt ma’ avukat u kien għalhekk li rrilaxxajt din l-istqarrija”*.

17. Minn meta tressaq il-qorti dejjem kien assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu u tul il-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) altru milli kellu kull opportunità li jikkontesta l-awtentiċità ta' dak li hemm miktub li qal lill-pulizija u lill-Maġistrat Inkwirenti.

18. Kontra r-rikorrent tressqu provi oħra. Tant hu hekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali straħet fuq provi oħra tal-prosekuzzjoni (PS 1220 u r-rapport tal-espert Godwin Sammut)
sabiex sabet ħtija. Fil-fatt dik il-Qorti ddeskriviet id-deposizzjoni ta' PS 1220 Chris Baldacchino bħala l-prova prinċipali. Fis-sentenza l-Qorti għamlitha ċara li l-istqarrija tal-imputat ma kinitx *".... dik il-prova eskussiva jew determinanti li fuqha qiegħda tistrieħ il-ħtija tal-imputat"*. Saħansitra dik il-Qorti kkunsidrat ukoll il-ġurisprudenza tal-QEDB u tal-qrati Maltin f'każijiet dwar stqarrijiet li jittieħdu fi stadju qabel is-suspettat jitressaq il-qorti u mis-sentenza hu evidenti li ma qisitx l-istqarrija u xhieda quddiem il-Maġistrat Inkwirenti bħala l-provi determinati sabiex sabitu ħati ta' traffikar u pussess ta' *ecstasy* bejn it-8 u 9 ta' Settembru 2013.

19. Kien biss fit-trattazzjoni li r-rikorrent argumenta li l-istqarrija u x-xhieda li ta quddiem il-Maġistrat, ma tistax tintuża għaliex ma kienx preżenti avukat ta' fiduċja tiegħu. Dan kien tmien snin wara li tressaq il-qorti.

20. Waqt is-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ir-rikorrent lanqas ma rtira l-istqarrija jew biddel dak li qal lill-pulizija. Saħansitra kkonfermaha bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti, persuna indipendenti mill-pulizija, u tenna li kien għamel l-istqarrija b'mod volontarju wara li ngħata twissija u tkellem ma' avukat.

21. Saħansitra, fis-seduta tat-22 ta' Frar 2017 l-avukat li ddefendih iddikjara li l-imputat, *".... qed jeżenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' bħala xhud tal-volontarjeta tal-istqarrija tal-imputat u tal-identita tiegħu lil PS 168 Stephen Monreal"*.

22. Saħansitra r-rikorrent ħa benefiċċju mill-fatt li kien ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni, għaliex dan ġie rifless fil-piena (ara dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bit-titlu *"konsiderazzjonijiet dwar il-piena"*).3

23. Inoltre, ir-rikorrent għad għandu appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn ġudikant ieħor ser jistħarreġ l-ilmenti kollha tiegħu u jagħmel l-apprezzament tal-provi mill-ġdid biex finalment jiddetermina jekk humiex ġustifikati.

24. Sal-lum l-unika ċertezza hi li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2021, li għadha *sub judice*, sabet lir-rikorrent ħati ndipendentement mill-istqarrija tiegħu. Għal din il-Qorti hu ċar kristall li s'issa m'hemm xejn x'jindika li r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq jew x'aktarx li mhux ser ikollu smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u għalhekk ma sofra l-ebda preġudizzju. Anzi l-

ilment tiegħu serva biss sabiex ikomplu jitwalu l-proċeduri kriminali bla bżonn.

-------------------------------------------------------------

3 Skont Art. 29 tal-Kap. 101.

48. Din il-posizzjoni issa meħuda mill-Qorti Kostituzzjonali, tirriżulta li kienet simili għal dik li kienet adottata mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Xerri** tal-15 ta' Diċembru 2021 fejn dik il-Qorti kienet għamlet stħarriġ tal-posizzjoni legali naxxenti fejn persuna suspettata tkun ġiet mogħtija l-jedd għall-assistenza legali skont dik il-modalita li kienet viġenti fiż-żmien partikolari meta l-persuna suspettata tkun qegħda tiġi interrogata – kemm fejn dik il-persuna tkun irrikorriet għal dik l-assistenza u kif ukoll fejn dik il-persuna ma tkunx irrikorriet għal dik l-istess assistenza. F'dik is-sentenza kien intqal hekk:

4. L-ewwel eċċezzjoni titratta l-inammissibilita' tal-istqarrija magħmula mill-akkużat nhar it-12 ta' Frar 2015 minħabba li din kienet ġiet irrilaxxjata fi żmien meta l-akkużat ma kellux aċċess għall-avukat tal-għażla tiegħu waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija.

5. Illi l-pożizzjoni ġurisprudenzjali tal-Qrati Maltin f'dan ir-rigward evolviet fiż-żmien u dan anki sabiex tirrifletti l-pożizzjoni addottata mill-Qorti Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

6. Kwantu għal dawk l-istqarrijiet rilaxxjati qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi ntrodotti permezz tal-Att III tal-2002, preċiżament nhar l-10 ta' Frar 2010, il-pożizzjoni prevalenti kienet dik tal-inammissibilita' tagħhom u dan indipendentement minn jekk il-kontenut tagħhom kienx kompromettenti jew le, u dan minħabba l-projbizzjoni sistemika tal-aċċess għall-assistenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni tal-akkużat. Il-kawża prinċipali li tat lok għal din il-posizzjoni kienet is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Salduz vs. Turkey** tal-2008. Iżda iżjed riċenti, u b'mod partikolari b'riferenza għal ġurisdizzjoni Maltija, dik il-Qorti kienet emanat is-sentenza fl-ismijiet **Borg vs. Malta**[25] li kienet wittiet it-triq għall-posizzjoni adottata f'numru ta' sentenzi oħra mogħtija mill-Qrati Maltin fejn l-istqarrijiet rilaxxjati minn persuna suspettata jew akkużat fl-assenza tad-dritt t'aċċess għall-assistenza legali kienu iddikjarati bħala leżivi tad-dritt tas-smiegħ xieraq u għaldaqstant sfilzati mill-atti proċesswali.

7. F'dan is-sens fil-kawża **Il-Pulizija vs. Clayton Azzopardi** deċiża nhar it-13 ta' Frar 2017 mill-Qorti Kostituzzjonali intqal hekk:

> L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li

[25] QEDB 12 ta' Jannar 2016.

l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ukoll jekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali, ma jidher li hemm xejn kompromettenti għall-attur fiha. Il-qorti tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità li tista' twassal għal konsegwenzi bħal dawk fil-każ ta' Borg.

8. Bl-istess mod, fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ronnie (Ronald) Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) nhar id-29 ta' Mejju 2019 ġie ritenut hekk:

Illi l-appellant iqanqal f'dan l-istadju l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' valur probatorju tal-istqarrijiet minnu rilaxxjati lill-pulizija a tempo vergine meta kien gie arrestat u interrogat. Jibda biex jinghad illi l-appellant qatt ma ammetta r-responsabbilta` tieghu ghal dan l-event kriminuz u dejjem cahad l-involviment tieghu. Huwa ndubitat madanakollu illi fiz-zmien li kien gie mitkellem mill-pulizija, huwa ma kienx ingħata d-dritt li jikkonsulta ma` avukat tal-għażla tieghu billi l-ligi applikabbli f'dak iz-zmien dan il-jedd kienet tipprekludieh. Fejn allura kien issa magħruf l-eżitu tas-sentenza tal-QEDB fl-ismijiet Beuze vs Belgium deċiża mill0-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018.

Illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-ilment minnu imqanqal u dan fid-dawl tal-izviluppi legali kif ukoll ġurisprudenzjali in materja f'dawn l-ahhar snin. Illi sa ftit ilu din il-Qorti (kif diversament komposta) rega` sahqet il-principju ta' dritt illi stqarrija rilaxxjata minghajr il-jedd tal-persuna suspettata tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha hija leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u kwindi ghandha tigi skarata bhala prova in atti. Illi allura ghalkemm il-gurati fiz-zmien li kien celebrat il-guri inghataw direzzjoni mill-Imhallef sabiex jiehdu kont tat-twegibiet moghtija fl- istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant, madanakollu minn dak iz-zmien il-posizzjoni legali u gurisprudenzjali inbidlet, in linea mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'uhud minn dawn id-decizjonijiet sahansitra inghataw fil-konfront ta' Malta :

"7. Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni tal-istqarrija fil-pre trial stage, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghal xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li persuna arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit- telefon ma' avukat jew prokuratur legali ghal mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghajr skossi ghaliex l- artikolu 355 AU imbaghad holoq id-dritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal- legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-pre trial stage, "tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal- persuna akkuzata jew imputata". Dan kien ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persuna arrestata tghazel li ma tghamilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id- dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok ghal- dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti dakinhar taht il-ligi taghna, kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogatorju u b'hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat kien soggett ghal- mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita

fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;

Gara, izda, illi l-Att LI tal-2017 biddel l-Artikolu 355AT u l- Artikoliu 355 AU meta dahal fil-kodici id-dritt tal-assistenza legali kif postulat fid-Direttiva 2013/48 EU. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 401/2016, igifieri ferm wara l-ghoti tal-ewwel sentenza. Tajjeb li jinghad ukoll illi bis-sahha tal-Avviz Legali 102/2017 maghmulha taht il-Kodici Kriminali, kienu introdotti fis-sistema legali taghna ir-Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati; Illi ghalhekk l-evoluzzjoni tad-dritt ta' assistenza legali, kompriz allura l-enuncjazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jista' jkun ekwiparat ma' bdil fil-ligi...'

Tenut kont tal-fatt illi l-istqarrijiet esebiti in atti gew rilaxxjati mill-appellant qabel l-2010, u allura fiz-zmien meta d-dritt ghall-assistenza legali kien kompletament inezistenti, din il-Qorti ma tistax hlief tiskarta l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant meta tigi biex taghmel l-evalwazzjoni mill-gdid tal-provi fl-aggravju lilha devolut marbut mal-apprezzament tal-provi.

9. Illi l-pożizzjoni riġida addottata mill-Qorti Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem f'**Borg vs. Malta** ġiet kemmxejn irrilassata fis-sentenza **Beuze vs. Belgium** mogħtija nhar id-9 ta' Novembru 2018 u iktar 'il quddiem f'**Farrugia vs. Malta** mogħtija nhar l-4 ta' Ġunju 2019. L-ispirtu ta' dawn is-sentenzi huwa tali li ma jwassalx għall-esklużjoni awtomatika tal-istqarrija mogħtija minn persuna suspettata jew akkużata minħabba li l-qafas leġislattiv in vigore fil-mument tar-rilaxx ta' din l-istqarrija jkun jipprojbixxi l-assistenza legali f'xi mument jew ieħor tal-proċess (preliminari) investigattiv. Iżda f'dawn il-kawżi kien hemm enfażi speċifika magħmula favur l-evalwazzjoni ta' dawk il-fatturi li janalizzaw jekk ikunx hemm "compelling reasons to restrict this right" kif ukoll analiżi iżjed dettaljata tal-'overall fairness of the proceedings' fid-deċiżjoni ta' jekk kienx hemm potenzjalment il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

10. Illi jiġi rilevat li bil-pożizzjoni kemxejn differenti li ħadet il-Qorti Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem **f'Borg vs. Malta** fuq naħa u **f'Beuze vs. Belgium** kif ukoll **f'Farrugia vs. Malta** fuq in-naħa l-oħra, inħolqot sitwazzjoni fejn anki fil-Qrati Maltin kien hemm nuqqas ta' linearita' fid-deċiżjonijiet li jirrigwardaw dawk l-istqarrijiet irrilaxxjati mill-akkużat mingħajr l-assistenza legali. Dan diġa' ġie osservat minn din il-Qorti hekk kif preseduta f'sentenza oħra tagħha **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ismael Habesh u Faical Mahouachi** fejn intqal is-segwenti**:**

In-nuqqas ta' linejarita stretta fil-posizzjoni tal-QEDB fuq dan il-punt waslet ukoll għal interpretazzjonijiet differenti mill-Qrati domestiċi. Din tista' tkun rifless ta` posizzjonijiet ideoloġiċi differenti li joqltu l-punt legali sollevati bl-eċċezzjoni preliminari f'dan il-każ. Kif jiġri spiss, dawn is-sentenzi mhux dejjem ikunu unanimi; u bosta drabi jkun hemm opinjonijiet dissenzjenti esperessa minn xi wħud mill-Imħalfin li jiffurmaw parti minn dik il-Qorti. Fil-kuntest tal-materja legali dibattuta opinjonijiet dissenzjenti ma huma xejn sorprendenti minħabba t-tensjonijiet ideoloġiċi li jolqtu dawn il-punti legali u li waslu għal konklużjonijiet differenti fuq l-istess punti legali matul dawn l-aħħar snin.

33.Jirriżulta li s-sentenza Azzopardi aktar il-fuq imsemmija ingħatat madwar sitt xhur wara s-sentenza Beuze, iżda ġiet pronunzjata biss tmint ijiem qabel ma ġiet mogħtija

s-sentenza Farrugia. Jibqa' pero l-fatt li Farrugia v. Malta kien jittratta każ kriminali li kien ġie deċiż, 4 ta' Ġunju 2019 mentri dan in disamina huwa każ kriminali li għad irid jiġi ċelebrat. B'hekk din il-Qorti għadha fi stadju li tista' tqis iċ-ċirkostanzi partikolari u tevalwa l-prinċipji li jitnisslu minn din il-każistika tal-QEDB u tapplikaha b'mod konkret għall-każ in kwistjoni.

34.Fis-sentenza tal-Qrati Kostituzzjonali fl-ismijiet Graziella Attard vs. L-Avukat Ġenerali f'deċiżjoni mogħtija allura kemm wara Beuze kif ukoll wara Farrugia v. Malta, dik il-Qorti ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali wara li rriteniet li anki jekk ma jirriżultax ksur tad-drittijiet ta' smiegħ xieraq fid-dawl tal-linji gwida ta' Farrugia, bħala salvagwardja ma kienx ikun għaqli li (partikolarment fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropeja li kien joħloq element ta' imprevedibbilita' – kif kienu jirriżultaw il-posizzjonijiet konfliġġenti bejn il-każ Borg u l-każ Beuze) l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija minn Attard lill-Pulizija minħabba li fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehemha fir-reat. F'dak il-każ l-akkużata ma kienetx ingħatat l-opportunita li titkellem ma avukat qabel ma bdiet l-interrogazzjoni mill-Pulizija.

11. L-istqarrija ta' XERRI ttieħdet f'kuntest legali fejn kienu diġa daħlu fis-seħħ l-emendi tal-10 ta' Frar 2010 u in fatti jirriżulta li dan użufruwixxa minn dan id-dritt tiegħu għaliex ikkonsulta mal-avukat Dr. Arthur Azzopardi qabel ma ttieħditlu l-istqarrija tiegħu. Dan il-fatt irrikonoxxieh ukoll fl-istqarrija tiegħu in kwantu wieġeb fl-affermattiv għad-domanda li saritlu f'dan is-sens mill-Ispettur Malcolm Bondin u dan hekk kif jirriżulta a fol. 69 tal-atti proċesswali. Il-Liġi kif emendata kwindi, għalkemm kif ingħad, ma kinitx testendi għall-preżenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni, kienet tagħti d-dritt lill-persuna suspettata li tikkonsulta ma' dak l-avukat tal-għażla tagħha għal massimu ta' siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni tagħha u b'dan il-mod tkun tista' hekk tersaq għall-interrogazzjoni b'mod ippreparat għal dawk li huma konsegwenzi legali kemm jekk tagħżel li twieġeb il-mistoqsijiet magħmula lilha u kemm jekk tibqa' siekta.

12. Biss, din il-Qorti tirrileva li l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat hija msejsa mhux daqstant fuq il-ksur tad-dritt għall-aċċess għall-assistenza legali fil-mument ta' qabel ma jiġi interrogat mill-Pulizija minħabba s-suspett tal-involviment tiegħu fir-reat li jkun qiegħed jiġi nvestigat iżda fir-rigward tad-dritt tiegħu li jkollu l-avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt din l-interrogazzjoni. Hawnhekk din il-Qorti terġa tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali hekk kif preseduta **Habesh et** fejn intqal is-segwenti fuq il-kwistjoni mertu ta' din l-ewwel eċċezzjoni:

Issa fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Timothy Joseph Agius**, deċiż fil-21ta' Lulju 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tagħat sentenza dettaljata ħafna fejn għamlet esposizzjoni tal-każijiet l-aktar reċenti li jolqtu aspetti kemm legali kif ukoll dawk li jolqtu l-jeddijiet tal-bniedem dwar materji legali simili għal dawk in eżami f'dan il-każ, li ħadet ċerta posizzjoni. Imbagħad flappell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Simon Camilleri** maqtugħ fis-7 ta Mejju 2020, ġie deċiż is-segwenti :

31. Illi wieħed mill-aggravji prinċipali tal-appellant jittratta l-inammissibbilita tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija. Ilġurisprudenza l-aktar reċenti kemm tal-Qrati Maltin, kif ukoll il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (il-Qorti Ewropea) dwar din ilmaterja żviluppat diversi prinċipji regolaturi dwar meta jiġu riskontrati

b'allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet minħabba n-nuqqas tal-aċċess għall-avukat. Fis-sentenza Beuze vs Belgium (para 120 – 130)11 il-Qorti Ewropea iddikjarat illi l-obbligu tal-assitenza legali japplika mill-mument meta' persuna tkun 'charged with a criminal offence' u dan skond it-tifsira indikata fl-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea (para 129).

32. Madankollu skond l-istess sentenza dik il-Qorti stabbiliet illi :

In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).'

33. Jiġifieri li skond din is-sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea, l-esklużjoni tat-twissija lil dak li jkun bid-dritt tiegħu li jkun assistit minn avukat ma ġġibx magħha awtomatikament il-konsegwenza tal-ksur ta' smiegħ xieraq jew l-inammissibilita ta' evidenza miġbura f'dak l-istadju. Biex jitqies integrat ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem il-Qorti tkun trid tistħarreġ il-proċedura kollha kif tkun ġiet applikata f'dak il-każ partikolari b'mod sħiħ; u huwa wara li ssir l-analiżi ta' dan leżerċizzju globali li l-Qorti tkun tista' tgħid jekk il-proċedura segwita kienetx tħares il-jeddijiet ta' smiegħ xieraq jew le.

34. Fl-istess sentenza ingħad illi apparti ċertu istanzi indikati fejn ilpreżenza attiva u mhux astratta tal-avukat tkun meħtieġa : the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.

35. Din is-sentenza stħarrġet il-prinċipji riżultanti mill-każ Salduz vs Turkey. Biss f'Beuze il-Qorti Ewropea irrikonoxxiet li sussegwentement l-istess Qorti kienet ħadet approċ inqas assolutista. Fil-fatt qalet hekk :

138. The Salduz judgment also demonstrated that the application on a "systematic basis", in other words on a statutory basis, of a restriction on the right to be assisted by a lawyer during the pre-trial phase could not constitute a compelling reason (ibid., § 56). In spite of the lack of compelling reasons in that case, the Court nevertheless analysed the consequences, in terms of overall fairness, of the admission in evidence of statements made by the accused in the absence of a lawyer. It took the view that this defect could not have been cured by the other procedural safeguards provided under domestic law (ibid., §§ 52 and 57-58).

139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from casespecific decisions taken by the competent authorities.

140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in Page 29 of 57 particular, Dayanan, cited above, § 33, and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form (see, among other authorities, Çarkçı v. Turkey (no. 2), no. 28451/08, §§ 43-46, 14 October 2014), and sometimes in greater detail (see, among other authorities, A.T. v. Luxembourg, cited above, §§ 72-75).

141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, cited above, §§ 257 and 258-62).

36. Sabiex dan jiġi stabbilit, il-Qorti rriteniet is-segwenti:

(α) Concept of compelling reasons
The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case (see Salduz, cited above, §§ 54 in fine and 55, and Ibrahim and Others, cited above, § 258). A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons.

143. The Court has also explained that where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Ibrahim and Others, cited above, § 259, and Simeonovi, cited above, § 117).

(β) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test

144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, cited above, § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer (see paragraph 97 above) to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey (see paragraph 140 above).

145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in

the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Ibrahim and Others, cited above, § 265).

146. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 273 in fine).

147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention (see the case-law on Article 6 § 1 cited in paragraph 120 above).

148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.

149. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case.

(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others,cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):
(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;
(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;
(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;
(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and
(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.

37. L-istess prinċiplji ġew applikati f'sentenza oħra ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Farrugia Carmel Joseph vs Malta fejn a bażi ta' dawn il-prinċipji l-Qorti kkonkludiet illi while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.

38. Illi f'dan il-każ, jirriżulta li qabel ma l-appellant ġie mitkellem mill-Pulizija, kemm fit-28 ta' Ġunju 2015 kif ukoll l-għada, huwa kien ingħata twissija mill-Ispettur Joseph Mercieca. Nhar it-28 ta' Ġunju l-ispettur Mercieca, fil-preżenza ta' PC Donatello Cortis l-appellant kien ingħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat Dr. Victor Bugeja, avulat għallgħajnuna legali, wara li l-legali mixtieq minnu, Dr. Leon Bencini ma kienx qiegħed jieħu telefonati. Matul l-istess jum, qabel ma ttieħdet l-istqarrija mingħandu l-appellant ġie wkoll imwissi li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem; li dak li jgħid jista' jinġieb bi prova; madanakollu jekk ma jkun irid jgħid xejn, jew jonqos li jsemmi xi fatt, il-Qorti jew il-ġudikant jistgħu jaslu għal regola t'inferenza li tammonta għal prova korroborattiva, jekk matul il-proċess huwa jressaq difiża li tkun ibbażata fuq xi fatt li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni. L-istess twissijiet ingħatawlu l-għada, 29 ta' Ġunju 2015 mill-ispettur Mercieca fil-preżenza tal-Ispettur Kylie Borg. Anke din id-darba l-appellant għażel li jitkellem mal-Avukat Victor Bugeja qabel ma sarlu l-interrogatorju.

39. Fiż-żmien meta seħħ dan il-każ, u ċioe fis-sena 2015, il-liġi Maltija kienet għadha ma tistipulax b'mod ċar illi kull min ikun mizmum għandu awtomatikament jingħata aċċess għall-avukat. Infatti l-artikolu 355AT tal-Kodiċi Kriminali qabel l-emendi kien jinqara kif ġej:
355AT. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu.

40. Kwindi jidher illi sabiex jiskatta dan id-dritt skond il-liġi applikabbli fi żmien mertu ta' dan il-każ, il-persuna ikkonċernata kellha tkun arrestata u fil-kustodja tal-pulizija fl-għassa jew post ieħor ta' detenzjoni. Is- sentenzi hawn fuq ċitati jistgħu japplikaw fir-rigward ta' dan il-każ sabiex jiġi stabbilit jekk fil-mument meta l-appellant għamel dawk iddikjarazzjonijiet mal-Pulizija, kienx hemm xi leżjoni tad-drittijiet tiegħu. Minn dawn is-sentenzi jirriżulta ċar li s-sempliċi esklużjoni ta' dan iddritt ma jwassalx neċessarjament għalbiex il-Qorti tiskarta l-prova li tkun inkisbet; iżda din il-Qorti trid tqis it-totalita' tal-proċess kriminali meħud kontra l-appellant sabiex tistabbilixxi jekk kienx hemm xi nuqqas li bih l-appellant setgħa kien preġudikat għal dak li jirrigwarda is-sejbien ta' ħtija tiegħu.

41. Skond il-prinċipji ravviżati fis-sentenza Beuze il-Qorti Ewropea elenkat numru ta' fatturi illi għandhom jitqiesu mill-Qorti filwaqt li tkun qed tistabilixxi dan, u senjatament:
(a) il-vulnerabblita tal-persuna konċernata minħabba l-eta' jew minħabba inkapaċita mentali;
(b) l-istruttura legali li jirregola l-proċeduri pre-trial u l-amissibilta' talprovi matul proċess ġudizzarju li fl-eventwalita' tal-applikazzjoni ta' xi regola li teskludi dan id-dritt, huwa diffiċli li jitqies bħala inġusta;

(c) jekk l-appellant kellux l-opportunita li jisfida l-awtentiċita tal-provi mressqa kontra tiegħu;
(d) il-kwalita ta' provi kontriħ u jekk hemmx dubbju dwar l-attendibilita' tagħhom minħabba l-mod kif dawn ġew akkwistati;
(e) jekk il-provi ġew ottjenuti illegaliment, jekk dan jipprovjenix minn xi vjolazzjoni oħra ta' artikolu ieħor tal-Konvenzjoni Ewropea u n-natura ta' din il-vjolazzjoni;
(f) fil-każ ta' stqarrija, jekk din ġiex prontament rtirata jew mibdula;
(g) il-mod kif l-provi ntużaw u partikolarment jekk dawn il-provi kkostitwewx parti integrali jew sinjifikanti tal-provi probatorji li a bażi tagħha l-appellant ikun instab ħati u s-saħħa ta' provi oħrajn fil-każ;
(h) jekk il-kunsiderazzjonijiet dwar il-ħtija sarux minn imħallef jew maġistrat professjonali jew minn ġurija popolari u fl-aħħar każ u jekk applikabbli, l-estent tad-direzzjoni u l-linji gwida mogħtija lilhom dwar l-istess;
(i) Il-piż tal-interess pubbliku fil-kors tal-investigazzjoni u l-piena tarreat in kwistjoni u finalment;
(j) Proċeduri protettivi oħrajn relevanti offruti skond il-liġi domestika jew prattika tal-pajjiż li jkun.

48.Fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Anthony McKay deċiż fit-18 ta Ġunju 2020, intqal ukoll is-segwenti :
43. Illi fir-rigward ta' dawn l-istqarrijiet issir referenza għall-ġurisprudenza aktar reċenti dwar din il-materja, b'mod partikolari Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello deċiża fis-27 ta' Marzu 2020 mill-Qorti Kostituzzjonali, li ċċitat u ħadnet ukoll dak imsemmi fis-sentenza Beuze vs. Belgium (para 120 – 130). F'din is-sentenza Beuze tal-Qorti Ewropea fi Strasburgu iddikjarat illi l-obbligu tal-assitenza legali tapplika mill-mument meta persuna tkun 'charged with a criminal offence' u dan skond it-tifsira indikata fl-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea (para 129). Madankollu skond l-istess sentenza dik il-Qorti stabbiliet illi:-

In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).

44. Jiġifieri l-esklużjoni tad-dritt tal-assistenza legali ma tfissirx awtomatikament illi l-proċedura adoperata tkun ritenibbli inamissibbli jew illi d-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun ikunu ġew awtomatikament leżi. Biex jiġi deċiż jekk u safejn dawn il-jeddijiet ta' smiegħ xieraq ikunu ġew mittiefsa wieħed irid iħares lejn il-proċedura imħadma b'mod globali u sħiħ u jara jekk din kienetx waħda ġusta.

45. In oltre skond l-istess sentenza ingħad illi apparti ċertu istanzi indikati fejn il-presenza attiva u mhux astratta tal-avukat tkun meħtieġa : - the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.

46. Infatti din is-sentenza tagħmel referenza wkoll għal dak li rriżulta mill-każ ta' Salduz vs Turkey fejn irrispettivament mill-linji gwida mogħtija minnha, sostniet illi l-

Qorti Ewropeja sussegwentement għal din is-sentenza, ħadet approċċ inqas assolutista għall-effetti ta' dan in-nuqqas tal-assistenza legali : and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form and sometimes in greater deal'.

49.Fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Maximilian Ciantar, deċiż fis-27 ta Frar 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet :

16. Illi allura din il-Qorti, fid-dawl tal-pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropea, ma tistax a priori tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun ingħatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tiġi interrogata, iżda fejn l-avukat tagħha ma kienx preżenti filwaqt talinterrogazzjoni, u dan għaliex allegatament jista' jkun hemm leżjoni potenzjali tad-dritt tagħha għal smiegħ xieraq. Dan għaliex, kif mistqarr f'dan il-pronunzjament, kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi lpersuna akkużata ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija, għalkemm
dik il-persuna tkun kisbet parir legali jew għall-inqas ingħatat il-jedd li jkollha dak ilparir, dan setax impinġa fuq is-smiegħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha. F'każ konsimili ġie deċiż mill-Qorti Ewropea illi ma kienet seħħet ebda leżjoni taħt l-artikolu 6:

"In Doyle v. Ireland the applicant was allowed to be represented by a lawyer but his lawyer was not permitted in the police interview as a result of the relevant police practice applied at the time. The Court found no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention. It considered that, notwithstanding the impugned restriction on the applicant's right of access to a lawyer during the police questioning, the overall fairness of the proceedings had not been irretrievably prejudiced. In particular, it laid emphasis on the following facts: the applicant had been able to consult his lawyer; he was not particularly vulnerable; he had been able to challenge the admissibility of evidence and to oppose its use; the circumstances of the case had been extensively considered by the domestic courts; the applicant's conviction had been supported by significant independent evidence; the trial judge had given proper instructions to the jury; sound public-interest considerations had justified prosecuting the applicant; and there had been important procedural safeguards, namely all police interviews had been recorded on video and made available to the judges and the jury and, while not physically present, the applicant's lawyer had the possibility, which he used, to interrupt the interview to further consult with his client.
429. In addition, the Court has indicated that account must be taken, on a caseby-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for

questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (Ibid., § 136).”

17. Dan magħdud, madanakollu, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi f’dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema’ mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-kaz Beuze ġewx segwiti. Ukoll għaliex la din il-Qorti u lanqas il-Qorti Kriminali qabilha ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f’dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni taddrittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ iktar u iktar f’dik is-sitwazzjoni fejn l-assistenza legali tkun ġiet mogħtija skont il-kriterji previsti mill-Liġi viġenti fiż-żmien rilevanti, u b’mod partikolari meta l-ġudikabbli jkun għamel użu minn dak id-dritt billi jkun kiseb dik l-assistenza legali qabel ma jkun irrilaxxja xi stqarrijiet lill-investigaturi. Ma tistax il-Qorti ta’ kompetenza penali tiddeċiedi a priori illi tiskarta prova li f’dan l-istadju għadna valur probatorju, bil-fatt waħdu illi fiż-żmien li l-persuna akkużata tkun ġiet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat preżenti magħha waqt it-teħid tal-istqarrija. Dan għaliex skont limsemmija pronunzjamenti dan n-nuqqas ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni taljedd tagħha għal smiegħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront talakkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti. Kif ukoll minħabba l-fatt li l-jedd tal-assistenza legali matul l-interrogatorju kienet estensjoni taddefinizzjoni tal-jedd tal-assistenza legali li ma kienetx teżisti fiż-żmien meta l-akkużat kien ġie miżmum u mitkellem mill-Pulizija u b’hekk dik l-estensjoni tal-jedd talassistenza legali ma kienetx għadha parti mid-definizzjoni tal-jedd tal-assistenza legali viġenti fil-Liġi Maltija u li ġiet offruta u użufruwita mill-akkużat f’dan il-każ. Din lamplifikazzjoni tal-jedd tal-assistenza legali li allura ġiet tinkludi l-possibilita talassistenza legali anke matul ir-rilaxx ta’ stqarrijiet mill-persuna indagata ġiet fis-seħħ wara li l-akkużat f’dan il-każ kien ġie interrogat. Ma kienx possibbli għalih li jingħata dak il-livell t’assistenza legali mhux għax il-Pulizija ċaħditu minnu, iżda għaliex il-Liġi regolanti l-assistenza legali dak iż-żmien ma kienx tipprevediha. Din il-Qorti ma tistax tqis li dawn l-istqarrijiet huma inammissibbli bħala prova fi proċeduri kriminali minħabba l-fatt li fiż-żmien li fihom ingħataw il-jedd għall-assistenza legali viġenti ma kienx ukoll jinkludi l-assistenza legali matul l-interrogatorju – inklużjoni fl-estensjoni tad-dritt tal-assistenza legali li daħlet fis-seħħ snin wara. Din id-distinzjoni per se mhix raġuni skont il-Liġi penali Maltija li twassal għall-esklużjoni tal-istqarrijiet de quo milli jservu ta’ prova fil-proċeduri penali. Apparti minn hekk, kif diġa intqal, l-akkużat kien mogħti dak il-jedd tal-assistenza legali skont il-Liġi viġenti fiż-żmien rilevanti u hu aċċetta dan il-jedd u għamel użu minnu billi qabel ma rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu ħa lpariri legali li kellu jieħu.

15. L-esklużjoni tad-dritt tal-assistenza legali konsistenti fin-nuqqas tal-preżenza tal-avukat waqt l-interrogatorju ma jfissirx b’mod awtomatiku li dik l-istqarrija tkun inammissibbli u allura tkun nieqsa minn kull valur probatorju. Lanqas ma jkun allura jfisser li kull referenza li tista’ issir għal dik l-istqarrija fil-proċeduri penali tkun tissarraf potenzjalment fi ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq taħt Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-insenjament ġurisprudenzjali f’dan ir-rigward hekk kif riassunt aktar il-fuq jeżiġi biss li fit-teħid ta’ din id-deċiżjoni l-Qorti tqis jekk il-proċedura adoperata, b’mod globali u meta titqies il-proċedura fl-interezza kollha tagħha, tkunx ritenibbli waħda ġusta.

16. Issa, dan il-każ ma kienx jitratta xi persuna li kienet vulnerabbli minħabba li minorenni jew partikolarment żvantaġġjata jew novella għal proċeduri polizjeski jew kriminali. Saż-żmien tat-teħid ta’ din l-istqarrija, jiġifieri sas-sena 2015, XERRI kien diġa xellef idejh mal-ġustizzja diversi drabi u kellu fedina penali li turi li kien ukoll plurireċediv, inkluż f’reati assoċjati mal-abbuż mid-droga cannabis.

17. In oltre fiż-żmien tat-teħid ta' din l-istqarrija huwa kellu tlieta u ħamsin sena. Din il-Qorti tqis ukoll li fl-ebda mument waqt il-proċeduri kriminali istitwiti kontra tiegħu huwa ma kkontesta l-valur probatorju ta' din l-istqarrija minnu rrilaxxjata jew attakka l-mod ta' kif din ittieħdet. Jirriżulta li ġie mwissi wkoll bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket waqt l-interrogazzjoni u ntqal lilu wkoll li jekk jagħżel li jwieġeb, dak kollu li jgħid jista' jinġieb bħala prova kontra tiegħu. Lanqas ma jirriżulta li fil-mument li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija kellu bżonn xi assistenza parikolari bħalma hi assistenza medika u ma ngħatax jew li ma kienx qiegħed jifhem il-portata ta' dak li kien qiegħed jistqarr. Ma jirriżultax ukoll li kellu xi impediment - mentali jew fiżiku jew ta' xorta oħra - li f'dak li mument irrendieh vulnerabbli.

18. Wara kollox, kif diġa ngħad qabel, huwa użufruwixxa mid-dritt ta' assistenza legali li kien viġenti dak iż-żmien li ttieħditlu l-istqarrija u deher jifhem dak li kien qiegħed isir fil-mument tat-teħid tal-istqarrija. Din żgur li ma kienetx l-ewwel stqarrija li tteħditlu hekk kif diġa ntqal li kien diġa xellef difrejh qabel diversi drabi mal-ġustizzja. Addirittura għażel li jiffirma dik l-isqarrija minnu rrilaxxjata. Lanqas ma jirriżulta li f'xi ħin waqt l-iter proċesswali l-akkużat ikkontenda li hu jew l-avukat tiegħu ma kinux mgħarrfa bin-natura tar-reati li fir-rigward tagħhom kienet teħtieġ li ttieħed l-istqarrija tiegħu jew li ma kinux konsapevoli tal-provi li l-Pulizija kellhom f'idejhom b'rabta mal-allegat involviment tiegħu f'dan il-każ. Apparti minn hekk matul il-proċeduri jirriżulta li l-akkużat kien debitament assistit.

19. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tqis li l-istqarrija rrilaxxjata mill-akkużat nhar it-12 ta' Frar 2015 ittieħdet kontra l-Liġi viġenti dak iż-żmien jew b'xi mod irregolari u għalhekk għandha titqies bħala prova ammissibbli f'dawn il-proċeduri.

**Għal dawn ir-raġunijiet, din l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.**

49. F'dan il-każ l-appellant qiegħed issejjes l-ewwel aggravju tiegħu fuq il-valur probatorju taż-żewġ stqarrijiet li huwa rrilaxxja u dan peress li, in linea mal-insenjament fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Andrew Mangion** tal-4 ta' Mejju 2022, l-istqarrija rilaxxjata mill-akkużat Mangion kienet ġiet dikjarata inammissibbli minħabba n-nuqqas tal-preżenza tal-avukat waqt l-interrogatorju. Similment l-appellant jilmenta li meta huwa rrilaxxja l-istarrija tiegħu f'dan il-każ, huwa ma kellux il-jedd li jkollu l-avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti u allura bħala konsegwenza t'hekk l-istqarrijiet tiegħu kellhom jiġu skarati mill-Qorti tal-Maġistrati. Biss din il-Qorti issa teħtieġ li tistħarreġ dan il-każ mill-lenti ta' dawn l-aktar sentenzi riċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali msemmija iżjed il-fuq fil-31 ta' Mejju 2023 fejn allura l-kwistjoni tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant iridu jiġu mistħarrġa skont il-kriterji stabbiliti

mill-QEDB fis-sentenzi mogħtija fil-linja **Beuze**, **Farrugia**, **Ibrahim and Others, Lalik** u oħrajn.[29]

---

[29] Ara wkoll id-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fil-kawża **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Ramon Fenech** mogħti nhar il-15 ta' Diċembru 2021, fejn intqal :

21. B'hekk ir-raġunijiet determinanti li waslu lil Qorti Ewropea ta' Strasbourg sabiex issib ksur tal-jeddijiet tal-bniedem **f'Borg** fl-2016 kienu kriterja li kienu misjuba fil-ġurisprudenza konvenzjonali sa mill-2008. Apparti minn hekk il-ġurisprudenza ta' dik il-Qorti kompliet tevolvi fuq dan is-suġġett kif jirriżulta minn diversi sentenzi oħra b'mod li saħansitra l-kriterji oriġinali stabbiliti minn sentenzi bħal **Salduz** u anke **Borg** issa qed jiġu osservati b'mod iżjed iffukat fuq il-kriterju doppju li jissodisfa t-test tal-"compelling reasons" fuq naħa u l-"overall fairness of the proceedings" fuq in-naħa l-oħra:

> Ibrahim and Others v. the United Kingdom 13 September 2016 (Grand Chamber)
> On 21 July 2005 four bombs were detonated on the London transport system but failed to explode. The perpetrators fled the scene and a police investigation immediately commenced. The first three applicants were arrested on suspicion of having detonated three of the bombs. The fourth applicant was initially interviewed as a witness in respect of the attacks but it subsequently became apparent that he had assisted one of the bombers after the failed attack and, after he had made a written statement, he was also arrested. All four applicants were later convicted of criminal offences. The case concerned the temporary delay in providing the applicants with access to a lawyer, in respect of the first three applicants, after their arrests, and, as regards the fourth applicant, after the police had begun to suspect him of involvement in a criminal offence but prior to his arrest; and the admission at their subsequent trials of statements made in the absence of lawyers. The Court held that there had been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) (right to a fair trial and right to legal assistance) of the Convention in respect of the three first applicants and that there had been a breach of those provisions in respect of the fourth applicant. In respect of the three first applicants the Court was convinced that, at the time of their initial police questioning, there had been an urgent need to avert serious adverse consequences for the life and physical integrity of the public, namely further suicide attacks. There had therefore been compelling reasons for the temporary restrictions on their right to legal advice. The Court was also satisfied that the proceedings as a whole in respect of each of the first three applicants had been fair. The position with regard to the fourth applicant, who also complained about the delay in access to a lawyer, was different. He was initially interviewed as a witness, and therefore without legal advice. However, it emerged during questioning that he had assisted a fourth bomber following the failed attack. At that point, according to the applicable code of practice, he should have been cautioned and offered legal advice. However, this was not done. After he had made a written witness statement, he was arrested, charged with, and subsequently convicted of, assisting the fourth bomber and failing to disclose information after the attacks. In his case, the Court was not convinced that there had been compelling reasons for restricting his access to legal advice and for failing to inform him of his right to remain silent. It was significant that there was no basis in domestic law for the police to choose not to caution him at the point at which he had started to incriminate himself. The consequence was that he had been misled as to his procedural rights. Further, the police decision could not subsequently be reviewed as it had not been recorded and no evidence had been heard as to the reasons behind it. As there were no compelling reasons, it fell to the UK Government to show that the proceedings were nonetheless fair. In the Court's view they were unable to do this and it accordingly concluded that the overall fairness of the fourth applicant's trial had been prejudiced by the decision not to caution him and to restrict his access to legal advice.
>
> Simeonovi v. Bulgaria 12 May 2017 (Grand Chamber)
> The applicant, who is currently serving a sentence in Sofia Prison, alleged in particular that he had not been assisted by a lawyer during the first days of his detention. The Grand Chamber held that there had been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) (right to a fair trial and right to legal assistance) of the Convention, finding that the Bulgarian Government had presented relevant and sufficient evidence to demonstrate that they had not irremediably infringed the fairness of the criminal proceedings taken as a whole on account of the lack of legal assistance during the first three days of the applicant's police custody. In particular, the Court noted that no evidence capable of being used against the applicant had been obtained and included in the criminal file during that period; that the applicant, assisted by a lawyer of his own choosing, had voluntarily confessed two weeks after being charged, when he had been informed of his procedural rights, including the privilege against self-incrimination; that the applicant had actively participated in all stages of the criminal proceedings; that his conviction had not been based solely on his confession but also on a whole body of consistent evidence; that the case had been assessed at three judicial levels and that the domestic courts had provided adequate reasons for their decisions in both factual and legal terms and had properly examined the issue of respect for procedural rights.
>
> Beuze v. Belgium 9 November 2018 (Grand Chamber)
> The applicant, sentenced to life imprisonment for intentional homicide, complained that he had been denied access to a lawyer while in police custody, had been insufficiently informed of his right to remain silent and not to incriminate himself, and had also been deprived of legal assistance when he was questioned, or subjected to other investigative acts, during the judicial pre-trial investigation. The Grand Chamber held that there had been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) (right to a fair trial and right to legal assistance) of the Convention. It found in particular that the criminal proceedings, when considered as a whole, had not remedied the procedural defects occurring at the pre-trial stage. The restrictions on the right of access to a lawyer had been particularly extensive and in those circumstances, without being sufficiently informed

50. F’dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaddiet sabiex issib ħtija fl-imputazzjonijiet numru wieħed, tlieta, ħamsa, sitta, tmienja, tlettax, ħmistax, sittax u sbatax fuq il-bażi **biss** tad-dikjarazzjonijiet illi rrilaxxja l-appellant mal-pulizija fil-mument tat-teħid tal-istqarrija mingħajr ma kien debitament assistit, kif dan huwa muri mill-kunsiderazzjonijiet li hija għamlet f’paġna 25 tas-sentenza tagħha fejn qalet hekk:

> Illi f’dawn il-proċeduri jirriżulta li ħlief għas-serqiet tat-tlieta (3) ta’ Ġunju 2016 a dannu ta’ Victoria Dalli u tas-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Mejju 2016 a dannu ta’ Izabel Soczka **ma hemmx prova tanġibbli u konkreta**[30] li s-serqiet l-oħra kkommettihom l-imputat odjern u dan għaliex f’dawn l-aħħar serqiet ma kienx ġie rikonoxxut minn ħadd mid-derubati. **Jirriżulta pero’ illi fl-istqarrija tiegħu l-imputat ammetta għas-serqiet kollha fejn dan jgħid li fil-maġġjor parti tagħhom kien ikun ma’ terzi persuni**[31]. Illi jirriżulta wkoll illi dawn l-istqarrijiet li kienu tnejn, ġew meħuda mingħajr minaċċi jew theddid u wara li ngħata d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat ta’ fiduċja tiegħu, huwa rrinunzja għal tali dritt.

---

of his right to remain silent, the applicant had made detailed statements while in police custody. His statements had subsequently been included in the evidence before the Assize Court, which had failed to conduct an appropriate examination of how they had been obtained or to consider the impact of the lawyer’s absence. The Court of Cassation had focused on the lack of legal assistance in police custody but had not assessed the consequences for the applicant’s defence rights of the lawyer’s absence during his subsequent police interviews, examinations by the investigating judge and other acts during the judicial investigation. In the Grand Chamber’s view, the combination of these various factors had rendered the proceedings unfair as a whole.

Doyle v. Ireland 23 May 2019
This case concerned the applicant’s complaint that his right of access to a solicitor was restricted during questioning on suspicion of murder. Although the applicant could consult with his solicitor prior to the first interview and thereafter, police practice at the time meant solicitors were not permitted to be present during police questioning. The Court held that there had been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) (right to a fair trial and right to legal assistance of own choosing) of the Convention. It noted in particular that very strict scrutiny had to be applied in cases where, as here, there had been no compelling reasons to justify restricting the applicant’s right of access to a lawyer. However, when examining the proceedings as a whole, the Court found that the overall fairness of the trial had not been prejudiced.

Olivieri v. France and Bloise v. France 11 July 2019
Both cases concerned periods spent in police custody prior to the legislative reform of April 2011. The applicants alleged that their criminal convictions had been based on the confessions they made while in police custody, during which time they had not been notified of their right to remain silent and had not had the effective assistance of a lawyer. The Court held that there had been a violation of Article 6 §§ 1 (right to a fair trial) and 3 (c) (right to be assisted by a lawyer) of the Convention in the first case and no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) in the second case. In the case of the first applicant, and with regard to his right not to incriminate himself, the Court noted in particular the existence of statements and answers given to the investigators which had clearly affected his position in the proceedings. Firstly, he had been questioned by the police for around ten hours while in police custody, after which he had admitted responsibility. Secondly, there was nothing in the reasoning of the domestic decisions to suggest that other elements could be regarded as an integral and significant part of the evidence on which his conviction had been based. The Court therefore found that the criminal proceedings, considered as a whole, had not cured the procedural defects occurring during police custody. In the case of the second applicant the Court noted in particular that the trial and appeal courts had based their decisions on evidence other than the statements made in police custody, namely on the evidence established during the investigation, when the applicant had been assisted by a lawyer, on the hearings before the first-instance court, on the precise and detailed testimony of third parties directly connected with the applicant’s activities, and on examination of the accounting and banking records. The Court found that in that case the criminal proceedings, considered as a whole, had cured the procedural defects occurring during police custody.

[30] Enfasi ta’ din il-Qorti.
[31] Enfasi ta’ din il-Qorti.

51. Fil-fatt, għad li l-atti proċesswali huma voluminużi, il-prova l-iżjed soda fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tal-appellant kienet tistrieħ prinċipalment fuq l-istqarrijiet li huwa rrilaxxja. Għalhekk stħarriġ tal-kuntest li fih ingħataw l-istqarrijiet tal-appellant isir importanti immens in kwantu fuqhom tħoll u torbot is-sejbien ta' ħtija tal-appellant.

**(α) Il-Kunċett ta' raġunijiet konvinċenti (concept of compelling reasons)**

F'dan il-każ il-Liġi Maltija fiż-żmien tal-interrogazzjoni kienet tipprovdi għal possibilità li l-persuna arrestata jew qegħda tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata, tkun tista' titlob u titħalla kemm jista' jkun malajr sabiex tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon għal mhux aktar minn siegħa żmien. Fiż-żmien li CAMILLERI irilaxxja l-istess dikjarazzjonijiet, il-Liġi Maltija kienet tapplika wkoll ir-regola tal-inferenza liema regola kienet tidħol fis-seħħ meta l-akkużat jew suspettat ta' reat li jkun użufruwixxa mid-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat għal massimu ta' siegħa qabel l-interrogazzjoni tiegħu b'rabta mal-istess reat ikun imbagħad ibbaża d-difiża tiegħu fil-proċess penali li jkun inġieb kontra tiegħu fuq xi fatt/i li ma jkunx/ikunux issemma'/issemmew minnu fl-interrogazzjoni. Ma kienx hemm liġi li kienet tippermetti lis-suspettat arrestat jew detenut li jkollu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni nnifisha. Kif intqal **f'Beuze**, fejn ma jkunx hemm raġunijiet konvinċenti, il-Qorti għandha tapplika skrutinju strett ħafna għall-valutazzjoni tal-każ. In-nuqqas ta' raġunijiet bħal dawn jinċidi fuq l-evalwazzjoni ta' kemm ikun jista' jingħad li l-proċedimenti kriminali kien wieħed ġust b'mod li għalhekk il-miżien ikun jista' jxaqleb favur is-sejba ta' ksur ta' jeddijiet tal-bniedem. Ir-responsabbiltà mbagħad tkun fuq l-Istat li juri b'mod konvinċenti għaliex, eċċezzjonalment u fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, ir-restrizzjoni fuq l-aċċess għal avukat ma tkunx ippreġudikat irrimedjabbilment il-proċess kriminali.

Dan il-fatt allura jimponi piż addizzjonali fuq din il-Qorti li trid tistħarreġ sewwasew il-fatturi rilevanti kollha li fuqhom tista' tiddetermina jekk ikunx ġie mħares il-prinċipju tal-overall fairness, ossija safejn ikun jista' jingħad li l-proċess kriminali kontra l-ġudikabbli jkun jista' jiġi ritenut li kien u baqa' mħares u ġust fir-rigward ta' dawk il-proċeduri kriminali partikolari.

Dan allura jeħtieġ li jkun irid isir skrutinju dwar il-fattur rilevanti:

**(γ) Fatturi rilevanti il-valutazzjoni ġenerali tal-ġustizzja fil-proċediment kriminali (Relevant factors for the overall fairness assessment)**

(a) **il-vulnerabblita tal-persuna konċernata minħabba l-eta' jew minħabba inkapaċita mentali**; f'dan il-każ jirriżulta li l-appellant kellu madwar erbgħa u għoxrin sena meta rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu. Ma jirriżultax li huwa kien partikularment impressjonabbli. Huwa jgħid li kellu d-dejn ma xi persuni li semma' fl-istqarrija tiegħu u li kien allura jmur jisraq biex ikun jista' jaqta' d-dejn li huwa kellu magħhom. L-appellant kellu diġà diversi preċedenti penali, inklużi diversi kundanni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għal diversi reati kriminali serji, inkluż dawk ta' serq kommessi qabel dan il-każ. B'hekk ma jistax jingħad li din kienet l-ewwel esperjenza tiegħu fil-kommissjoni ta' reati kriminali jew inkelli l-ewwel esperjenza tiegħu fi stħarriġ jew interrogatorju polizjesk. Ma jistax li huwa kien xi minorenni jew kellu xi vulnerabilità partikolari oħra.

(b) **l-istruttura legali li tirregola l-proċeduri pre-trial u l-amissibilta' tal-provi matul proċess ġudizzarju li fl-eventwalita' tal-applikazzjoni ta' xi regola li teskludi dan id-dritt, huwa diffiċli li jitqies bħala inġusta**;

(i) l-istqarrijiet tal-appellant ittieħdu skont il-liġi li kienet fis-seħħ f'dak iż-żmien li ingħataw fih;

(ii) kif jirriżulta mill-paġna 226 qabel ma beda jirrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu l-appellant kien ingħata twissija fis-sens illi huwa kien ġie arrestat rigwardanti serqiet ta' oġġetti u reati oħra li jistgħu joħorġu matul il-kors tal-investigazzjoni u kie ġie infurmat mill-Ispettur tal-Pulizija Kurt Zahra li l-appellant kellu l-jedd, jekk jitlob, li qabel issirlu xi interrogazzjoni jitħalla kemm jista' jkun malajr jikkonsulta privatament ma xi avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon għal mhux aktar minn siegħa żmien. Huwa għażel li ma jikkonsultax ma avukat jew prokuratur legali, għal darba darbtejn;

(iii) qabel ma ġew rilaxxjati dawn iż-żewġ stqarrijiet, l-appellant kien ukoll ġie mwissi mill-Ispettur Kurt Zahra fil-preżenza ta’ PC232 Mark Zammit li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, imma li dak li kien sejjer jgħid kien se jitniżżel bil-miktub u jkun jista’ jinġieb bħala prova.

(iv) Wara kull tali twissija, ġie wkoll notat li l-appellant kien għażel li ma jikkonsultax ma Avukat jew Prokuratur Legali qabel l-interrogazzjoni.

(v) L-appellant ġie interrogat u sarulu diversi mistoqsijiet wara li ingħata dawn it-twissijiet u l-appellant għażel li jwieġibhom.

(vi) L-appellant għalaq iż-żewġ stqarrijiet b’dikjarazzjoni li tgħid li dawk l-istqarrijiet kien għamilhom volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi, jew promessi ta’ vantaġġi.

(vii) L-appellant ingħata wkoll il-possibilita li huwa jaqra dawk l-istqarrijiet. Huwa fil-fatt iddikjara wkoll li dik kienet il-verita’ u li wara li qara’ dawk l-istqarrijiet stqarr li huwa ma ried iżid jew inaqqas jew ibiddel xejn minn dawn id-dikjarazjonijiet u għażel li jiffirmahom.

(viii) L-appellant irrilaxxja dawn iż-żewġ stqarrijiet – fit-3 ta’ Ġunju 2016 fis-1853 u fl-4 ta’ Ġunju 2016 fis-1315. B’hekk ma jistax jingħad li dawn ingħataw f’xi ħinijiet li jaffettwaw il-mistrieħ normali tal-bnedmin.

(c) **jekk l-appellant kellux l-opportunita li jisfida l-awtentiċita tal-provi mressqa kontra tiegħu**; fil-fatt l-appellant kellu l-opportunita li jisfida l-awtentiċita tal-provi mresqa kontra tiegħu matul il-proċeduri penali li ġew kondotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Kif jirriżulta mill-verbal a fol 22, sa mill-bidu tal-proċeduri kontra tiegħu l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar. Iżda jirriżulta wkoll li għal xi raġuni jew oħra kien hemm drabi fejn l-appellant ma kienx qiegħed jagħmel kuntatt mal-avukat tiegħu, tant li l-istess avukat xi drabi iddikjara li l-appellant ma kienx għamel kuntatt miegħu, bħal ma jirriżulta a fol 251. Kien hemm drabi wkoll fejn l-appellant stess stqarr li huwa ma kienx għamel kuntatt mal-avukat tiegħu kif jirriżulta minn paġna 91 u 250. Iżda l-maġġor parti tas-seduti l-appellant kien deher i debitament assistit mill-avukat tiegħu, bħal ma jidher a fol

22, 51, 64, 92, 102, 103, 152, 209, 222, 242, u 253. Minkejja li kellu dik l-opportunita li l-provi jinġabru fil-preżenza tiegħu kif debitament legalment assistit, kif ukoll li seta’ jisfida dawk il-provi miġjuba kontra tiegħu, ma jirriżultax mill-atti li l-appellant kien b’xi mod sfida x-xiehda miġjuba kontra tiegħu jew li huwa b’xi mod ikkontesta l-istqarrijiet li kien irrilaxxja lill-Pulizija.

(d) **il-kwalita ta’ provi kontrih u jekk hemmx dubbju dwar l-attendibilita’ tagħhom minħabba l-mod kif dawn ġew akkwiżiti**; il-provi f’dan il-każ, kif ġie spjegat, kienu jikkonsistu kemm fl-istarrijiet tal-appellant kif ukoll minn diversi xhieda pajżana, tekniċi jew pulizija. Jirriżulta wkoll li bosta mix-xiehda pajżana, vitmi tas-serq kommess ma kienux setgħu jagħrfu lill-appellant fl-awla, anke minħabba l-modus operandi tiegħu jew tal-korrei miegħu li jaħtfu l-ġiżirajjen tal-anzjani minn wara, waqt li jkunu liebsin hoodie jew xi forma oħra ta’ għata li jagħmilha diffiċli ħafna jekk mhux impossibbli li persuna, partikularment anzjana, tagħraf lill-malvivent wara l-aggressjoni subita minnhom.

(e) **jekk il-provi ġew ottjenuti illegalment, jekk dan jipprovjenix minn xi vjolazzjoni oħra ta’ artikolu ieħor tal-Konvenzjoni Ewropea u n-natura ta’ din il-vjolazzjoni**; ma jirriżultax li l-provi kontra l-appellant ġew ottjenuti bi ksur tal-Liġi. Jekk xejn l-appellant qatt ma allega li kien hemm provi miġjuba kontra tiegħu li kienu jiksru xi disposizzjoni tal-Liġijiet ordinarji jew dawk konvenzjonali. L-appellant qiegħed jilmenta li l-istqarrijiet rilaxxjati minnu kienu meħuda mingħajr ma kellu l-assistenza legali miegħu u b’hekk kellhom jiġu sfilzati in kwantu jallega li vjolattivi tal-jeddijiet tiegħu jew potenzjalment tali minħabba s-sempliċi fatt li ma kienx legalment assistit u ma setgħax ikun legalment assistit meta ingħataw dawn l-istqarrija minħabba li l-Liġi Maltija ma kienetx tipprovdi għal assistenza legali ta’ dik il-kwalita. Iżda din il-kwistjoni hija issa riżolta grazzi għas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali in re **Spagnol** u **Dalli** spjegati iżjed il-fuq.

(f) **fil-każ ta’ stqarrija, jekk din ġiex prontament irtirata jew mibdula**; kif imsemmi iżjed il-fuq, għalkemm kellu kull opportunita li jagħmel dan, ma jirriżultax mill-atti li l-

istqarrijiet rilaxxjati minnu ġew b'xi mod irtirati jew mibdula jew kontestati minnu. Il-kontestazzjoni dwarhom ġiet sollevata fi stadju tal-appell fir-rikors tal-appell tiegħu bħala l-bażi tal-ewwel aggravju tiegħu deċidend.

(g) **il-mod kif il-provi ntużaw u partikolarment jekk dawn il-provi kkostitwewx parti integrali jew sinjifikanti tal-provi li a bażi tagħhom l-appellant ikun instab ħati u s-saħħa ta' provi oħrajn fil-każ**; diġà ġie spjegat li l-istqarrijiet tal-appellant kienu ħolqa importanti ħafna fil-katina tal-provi li nġiebu kontra tiegħu fir-rigward ta' diversi mis-serqiet li ġew kwerelati f'dan il-każ u li tagħhom ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati.

(h) **jekk il-kunsiderazzjonijiet dwar il-ħtija sarux minn imħallef jew maġistrat professjonali jew minn ġurija popolari u fl-aħħar każ u jekk applikabbli, l-estent tad-direzzjoni u l-linji gwida mogħtija lilhom dwar l-istess**; is-sejbien ta' ħtija tal-appellant saret minn Maġistrat togat u mgħallem fil-Liġi.

(i) **Il-piż tal-interess pubbliku fil-kors tal-investigazzjoni u l-piena tar-reat in kwistjoni**; dawn ir-reati li tagħhom instab ħati l-appellant huma reati ta' serq diretti lejn uħud mill-iżjed persuni vulnerabbli fis-soċjeta bħal ma huma nisa anzjani. L-interess pubbliku wara r-ripressjoni ta' tali reati kriminali huwa wieħed għoli. Il-piena għal dawn ir-reati ġiet komminata minn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.

(j) **Proċeduri protettivi oħrajn relevanti offruti skond il-liġi domestika jew prattika tal-pajjiż li jkun**; il-proċeduri legali meħuda kontra l-appellant kienu mibdija mill-Pulizija Eżekuttiva quddiem qorti ta' ġustizzja kriminali presjeduta minn Maġistrat professjonali. Dan il-proċess seħħ mill-bidu nett dejjem fil-preżenza tal-imputat appellant – naturalment kull meta deher għas-seduta – u li dan, sa mill-bidu nett kellu l-jedd li jkun assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu. F'dan il-każ l-appellant avalixxa ruħu minn dan id-dritt u, kif intwera iżjed il-fuq, huwa kien assistit minn avukat kull meta għażel li jagħmel kuntatt mal-imsemmi avukat. Meta fi stadju qabel ma ġie mressaq huwa ġie offrut id-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel ma jiġi interrogat, huwa għażel liberament li jirrifjuta li jikkonsulta ma' avukat.

52. L-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant huma għalhekk determinanti. Għad li ġew ippreżentati diversi filmati twal tal-cameras tas-sigurta’ meħudin minn diversi bnadi fejn ġew irraportati s-serqiet ħadd mill-Pulizija nvoluta ma xehed illi xi wieħed jew iktar minn dawk il-persuni li jidhru fil-filmati qiegħed jintgħaraf bħala l-appellant CAMILLERI u dan għad li l-Ispettur Kurt Zahra u l-Ispettur Robert Vella osservaw li CAMILLERI kien magħruf mal-Pulizija. Lanqas ma jidher li l-anzjani vittmi tal-allegati serqiet qatt kienu mitluba sabiex jipprovaw jagħrfu lill-appellant minn fuq xi ritratt li kellhom il-Pulizija jew minn fuq dawn il-filmati stess. U dan għad li xi wħud mill-anzjani - fosthom Victoria Dalli, Sandra Mary Portelli, Izabela Soczka, Dorothy Formosa, Alexandra Grech, Maria Borg u Mary Lourdes Pulis – inexxilhom jaraw wiċċu jew biċċa minnu jew jidentifikaw xi karattertistiċi fiżiċi tal-malviventi bħat-tul, x’kien liebes u l-kulur tal-karnaġġjon tiegħu.

53. Kienu biss Izabela Soczka u Victoria Dalli li għarrfu lill-appellant fl-awla bħala l-malvivent li kien aggredihom. Ħadd mid-derubati l-oħra ma għarrfuh anki għaliex il-modus operandi tal-appellant kien li jattakka lill-vittmi tiegħu minn wara u jitlaq jiġri, ħafna drabi b’rasu mgħottija b’barnuża jew ‘hoodie’. Ma jidhirx lanqas li kien hemm bosta xhieda okulari, b’xhud minnhom Richard Dimech li skont ix-xhieda tal-Pulizija, jidher illi kien xhud tas-serqa illi seħħet minn fuq Victoria Dalli, jgħid li fl-awla ma kienx qiegħed jagħraf lil CAMILLERI bħala dak il-malvivent li hu kien ra fuq il-post tas-serqa; Norman Ellul, ukoll jgħid li m’għarafx il-malviventi li kien attakka lill-ommu Carmen Ellul.

54. PS 1147 li pproduċa tlett stills b’rabta mal-filmati tal-cameras tas-sigurta li ġew elevati b’rabta mas-serqa kwerelata minn Margherita Vella – NPS report 7P 2570/2018 - iżda hawnhekk ukoll l-identifikazzjoni tal-persuna li tidher fl-istills ma saritx. F’paġna 29 Margherita Vella tixhed li lill-aggressur tagħha hija qatt ma ratu. Ukoll, għal darb oħra, ħadd mill-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu nvoluti fl-investigazzjoni ta’ dan il-każ qatt ma ħa l-pedana tax-xhieda sabiex jikkonferma kif dik il-persuna li dehret fl-istills meħudin mill-filmat miġbud mill-cameras tas-sigurta kien effettivament l-appellant CAMILLERI.

55. F’paġna 115 tal-atti li mill-filmati tal-cameras tas-sigurta miġbura minn Triq Sant’Antnin, il-Ħamrun b’rabta mas-serqa li seħħet fuq Alexandra Grech, dehret persuna li taqbel mad-

deskrizzjoni li tat id-derubata lill-Pulizija. Biss, meta mbagħad Alexandra Grech xehdet, din tgħid li lill-aggressur tagħha ma kinitx kapaċi tagħrfu u li ma tafx lanqas x'kien liebes. B'hekk l-identifikazzjoni tal-persuna li tidher fil-filmat ma' dik tal-malviventi ma setgħetx issir u minn din il-prova lanqas ma jista' jingħad b'ċertezza allura li l-malviventi kien l-appellant CAMILLERI. Imbagħad kien hemm serje ta' filmati meħudin minn diversi bnadi minn fejn allegatament ġew irraportati s-singoli serqiet, li rriżultaw fin-negattiv – bħal dawk meħudin mill-inħawi fejn saret is-serqa fuq Izabela Soczka, Maria Borg, Emmanuela Dennis, Maria Stella, Maria Grech, Mary Lourdes Pulis.

56. Imma mbagħad, mill-banda l-oħra, fl-istqarrijiet tiegħu l-appellant għamel rikonoxximent tal-involviment tiegħu fir-rigward ta' dawk is-serqiet li ġie konfrontat bihom mill-Pulizija. Allura minn dawn l-istqarrijiet, b'riferenza għal dawk l-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jirriżulta hekk:

(a) Numru 1 – l-appellant jistqarr li kien sieħbu Shalon Abela magħruf bħala x-Xalun li ġibed il-ġiżirana, iżda huwa jammetti li kien qiegħed jistennih fil-kantuniera. Il-vitma Maria Grech ma għarfitx lill-appellant bħala dak li seraqha.
(b) Numru 3 – l-appellant jistqarr u jammetti li "huma kienu" li kkommettew dik is-serqa, iżda Frances Bezzina ma għarfitx lill-appellant bħala dak li seraqha.
(c) Numru 5 – l-appellant ammetta li kien max-Xalun meta saret din is-serqa. Emmanuela Dennis però ma xehditx.
(d) Numru 6 – l-appellant ammetta li kien wettaq is-serqa. Margherita Vella xehdet f'paġna 48 li però ma għarfitux.
(e) Numru 7 – l-appellant ammetta l-involviment tiegħu fis-serqa. Kif jirriżulta minn fol 43, id-derubata Vittoria Dalli għarfitu fl-awla bħala dak ir-raġel li kien qallha li ried itiha l-flus tagħha.
(f) Numru 8 – l-appellant ammetta li kien hu u x-Xalun li kkommettew is-serqa. Emanuela Attard xehdet a fol 59 iżda ma għarfitux.
(g) Numru 13 – l-appellant ammetta li wettaq din is-serqa flimkien ma Jean Paul is-Sufu minn Bormla. Dorothy Formosa xehdet a fol 75 li kienet insterqet ġiżirana iżda lil ħalliel li kien "dark skin", liebes sidrija blu u kien twil, imma ma ratx wiċċu.
(h) Numru 15 – l-appellant ammetta l-involviment tiegħu f'din is-serqa iżda Maria Borg li xehdet a fol 73 u 74 ikkonfermat is-serqa iżda ma għarfitx lil ħalliel li ratu bħala "ħaġa sewda kienet".
(i) Numru 16 – l-appellant ammetta l-involviment tiegħu f'din is-serqa, għalkemm jgħid li l-ġiżirana kien ġibidha x-Xalun,

għalkemm huwa kien qiegħed jistennih fil-kantuniera. Il-vitma f'dan il-każ ma xehditx.

(j) Numru 17 – l-appellant ammetta l-involviment tiegħu f'din is-serqa. Anna Enriquez tgħid li l-ġiżirana baqgħet m'għonqha iżda kellha qalb li ma sabithiex. Hi ma għarfitx min kien seraqha.

57. Mid-deskrizzjoni mogħtija mill-appellant kien hemm diversi drabi fejn huwa jgħid li dawn is-serqiet ma kienx jagħmilhom waħdu iżda kienu jkunu almenu tnejn li jwetquhom – ġieli jiġbed il-ġiżirajjen hu u ġieli l-ġiżirana tinġibed minn xi ħadd mill-malviventi sħabu iżda hu jkun preżenti fuq il-post jew fil-kantuniera jew viċin.

58. Kien hemm istanzi fejn il-Qorti tal-Maġistrati ma sabitx lill-appellant ħati ta' xi serqiet minħabba li dik il-Qorti qieset li l-Prosekuzjoni ma xlietx lill-appellant bħala kompliċi fis-serq iżda bħala awtur tas-serq. Huwa minnu li l-Avukat Ġenerali ma appellatx mis-sentenza dwar dawn il-liberatorji. Iżda l-punt sollevat mill-Qorti huwa importanti li jiġi epurat.

59. Il-grad ta' involviment mistqarr mill-appellant fl-istqarrijiet tiegħu kien wieħed dirett u sħiħ. Hu stess jikkolloka ruħu mhux biss fuq il-post tas-serq jew viċin ta' min kien qiegħed iwettaq is-serqa, iżda jqiegħed lilu nnifsu bħala ħaġa waħda fl-intent komuni ossija fis-sodalizju bejnu u sħabu l-malviventi l-oħra fl-intrapriża xellerata li jisirqu lil dawn in-nisa anzjani mill-ġiżirajjen tagħhom. Fi ftit kliem mill-istqarrijiet tal-appellant jirriżulta li huwa kien qiegħed ipoġġi lilu nnifsu kemm fiżikament preżenti kif ukoll psikoloġikament waħdani ma' dawk fost sħabu li kienu qegħdin iwettqu s-serq. Qies lilu nnifsu bħala li kienu fiżikament u psikoloġikament preżenti ħaġa waħda flimkien f'din l-intrapriża.

60. Meta r-reat ikun twettaq minn bniedem wieħed waħdu, ftit hemm xi żżid. Dak li jwettaq ir-reat kriminali ijkun meqjus l-awtur jew l-eżekutur materjali tiegħu. Meta fil-kommissjoni ta' reat kriminali ikun hemm il-parteċipazzjoni ta' iżjed minn bniedem wieħed, mhux kull persuna neċessarjament tkun ħadet sehem bl-istess mod u fl-istess kapaċita fit-twettieq tar-reat. Hemm diversi modi u livelli ta' parteċipazzjoni differenti li jistgħu allura jagħtu lok għal status legali differenti bejn parteċipant u ieħor fil-kommissjoni ta' reat kriminali. Tnejn minn nies jistgħu ikunu eżekuturi materjali tad-delitt, f'liema każ jissejħu ko-awturi ta' dan id-delitt. Ġieli l-każistika tirreferi għalihom it-tnejn ukoll bħala "korrei" jew kull wieħed minnhom fis-singular, "korreu".

61. Jista' jkun li wieħed ikun l-eżekutur materjali tad-delitt filwaqt li l-ieħor għalkemm ma jkunx eżekutur materjali, ikun xorta waħda ippresta l-parteċipazzjoni fiżika, diretta u materjali tiegħu lill-eżekutur materjali tad-delitt. Allura meta persuna tipparteċipa b'mod materjali ma' l-eżekutur tar-reat, iżda fuq kollox jippresta l-ko-operazzjoni diretta u essenzjali għall-esekuzzjoni tad-delitt flimkien mal-eżekutur materjali, allura din il-persuna tista' titqies li kienet ukoll ko-awtur fil-kommissjoni ta' dak id-delitt. Dan il-livell ta' parteċipazzjoni neċessarjament jimplika li jrid ikun hemm il-ftehim milħuq minn qabel bejn dawk it-tnejn minn nies li jkunu ħadu sehem fit-twettieq tad-delitt, bil-għan speċifiku li jitwettaq dak id-delitt u b'dak il-mod jew modalita. Jekk allura din l-intenzjoni komuni, riflessa f'dan il-forma ta' ftehim jew akkordju bejn dawn it-tnejn minn ikun nieqes, allura ma jistax jingħad illi dawn ikunu aġixxew bħala ko-awturi fit-twettieq tad-delitt.

62. Meta bejn dik il-persuna u l-eżekutur materjali tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u dan il-ħsieb komuni jiġi wkoll rifless fil-parteċipazzjoni komuni u fil-presenza ta' dik il-persuna l-oħra fuq il-post ta' fejn ikun qed iseħħ id-delitt u li effettivament tkun assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment biex iwettaq dak id-delitt, dik il-persuna titqies li tkun ħadet sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat b'mod li tkun tista' titqies bħala korrea jew ko-awtriċi tad-delitt.

63. Il-fatt waħdu li persuna tkun biss materjalment għenet fil-kommissjoni tad-delitt mingħajr ebda parteċipazzjoni jew preżenza diretta, ma twassalx għall-figura ġuridika tal-ko-awtur; iżda tkun tista', fil-każijiet kongruwi, twassal għal dik tal-kompliċita' flimkien mal-awtur tar-reat.

64. Biex persuna tikkwalifika bħala ko-awtur jew korreu fid-delitt jeħtieġ necessarjament dik il-persuna tkun ħadet sehem attiv fil-kommissjoni tad-delitt u mhux semplicement offriet l-għinuna tagħha fil-preparazzjoni għall-kommissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-eżekuzzjoni tad-delitt jirnexxi. Il-ġurisprudenza testendi l-figura tal-korreu mhux biss għal dak li kien l-eżekutur materjali u dirett fl-att konsumattiv iżda jikkomprendi anke dawk li jipparteċipaw f'kooperazzjoni diretta u essenzjali miegħu għall-esekuzzjoni tar-reat. Kollox allura jiddependi mill-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

65. B'hekk min iħajjar lil persuna oħra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s-serq jiddistrahi lil dawk li jkunu prezenti, jew jagħmel atti li bihom jiddevja l-attenzjoni ta' passanti jew iwaqqaf milli persuni jintebħu bil-kommissjoni tas-serq, jitqies li huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod iehor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt, b'mod partikolari meta jkun ukoll fuq il-post fejn ikun qiegħed jiġi kommess id-delitt.

66. Mill-banda l-oħra, il-kunċett legali tal-kompliċita huwa simili għal dak tal-korreita, iżda fih ċerti differenzi. Qabel xejn il-kunċett tal-kompliċita' fil-Liġi Maltija huwa istitut legali t'applikazzjoni awtonoma fis-sens li jista' jiġi applikat għal kull reat u anke għall-kontravenzjonijiet. Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija –

(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew
(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew
(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew
(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew
(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.

67. Meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, iċ-ċirkostanzi li għandhom x'jaqsmu biss mal-persuna ta' xi waħda minnhom individwalment, sew jekk tkun awtur jew kompliċi, (u li lilha jkunu jneħħulha, ikabbrulha jew inaqqsulha l-piena), ma jiswew la ta' ġid u lanqas ta' deni lill-oħrajn li jkunu mdaħħlin fl-istess delitt. Il-figura tal-kompliċi timplika parteċipazzjoni fit-twettieq tad-delitt, iżda li tkun waħda li ma tkunx effettivament manifestata fl-eżekuzzjoni materjali tad-delitt. Tista' timplika preżenza morali fil-parteċipazzjoni tad-delitt jew tista' timplika forma ta' support loġistiku għat-twettieq tad-delitt. Il-preżenza morali fis-sens li, per eżempju tkun il-mandant tad-delitt. Għal dak li jirrigwarda kompliċita`, irid ikun hemm korelazzjoni u l-komunikabilita' mal-awtur jew l-awturi tar-

reat. Il-Liġi Maltija testendi r-responsabbiltà fir-rigward tal-att aggravanti għall-partijiet kollha tal-impriża kriminali li fejn l-azzjoni tkun twetqet bl-għarfien preċedenti tagħhom u testendi anke għal dawk li, meta jsiru jafu l-att aggravanti fil-ħin tat-twettieq tiegħu, u li setgħu jipprevjenih, ma jagħmulx dan.

68. Fid-dawl tal-premess, min ikun jiġi pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien qiegħed fuq ix-xena tad-delitt u jkollu rwol dirett anke jekk mhux ewlieni fl-eżekuzzjoni tar-reat jitqies li huwa ko-awtur fid-delitt kommess, mhux kompliċi.

69. Iżda jista' wkoll jitqies kemm kompliċi kif ukoll ko-awtur fil-każ fejn għalkemm għall-bidu jkun ifforma l-pjan jew ħajjar lill-eżekutur materjali biex jikkommetti d-delitt, imbagħad jispiċċa biex imur ukoll miegħu fuq ix-xena tad-delitt u jipparteċipa hu wkoll direttament fil-kommissjoni tar-reati nnfushom meta dawn ikunu fl-eżekuzzjoni tagħhom. F'dak il-każ il-Liġi tippermetti li dik il-persuna tinstab ħatja bħala ko-awtur tad-delitt.

70. Iżda mill-banda l-oħra, il-Liġi Maltija allura tippermetti lil Qorti ta' Ġustizzja Kriminali li f'każ li persuna tiġi mixlija bħala awtur fil-kommissjoni ta' delitt, iżda mill-provi jirriżulta li ma kienx fuq ix-xena tad-delitt, jew ma pparteċipax direttament fl-eżekuzzjoni tad-delitt iżda tkun f'akkordju komuni b'common design mal-persuna oħra biex jiġi kommess dak id-delitt, anke jekk dak ikun ġie akkużat bħala awtur tad-delitt, il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali xorta tista' ssibu ħati bħala kompliċi mal-eżekutur tad-delitt jekk jirriżulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kellu dik l-intenzjoni li jiġi kommess l-istess delitt. Dan in virtù għal dak li jipprovdi l-artikolu 525(3) tal-Kodiċi Kriminali li jestendi l-applikabbilita tal-artikolu 467(2) tal-Kodiċi Kriminali anke lil Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali:

> (3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 397, tas-subartikoli (2) sa (4), it-tnejn u inklużi, tal-artikoli 467 u 623 għandhom, *mutatis mutandis*, igħoddu wkoll għall-Qorti tal-Maġistrati fil-każijiet ta' kompetenza tagħha bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt xi dispożizzjoniet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra.

71. Mill-banda l-oħra l-artikolu 467(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

> (2) Meta ma jiġix ippruvat li l-akkużat, jew xi wieħed mill-akkużati, kien l-awtur jew wieħed mill-awturi tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, iżda jiġi ippruvat li kien kompliċi jew li jkun ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat, il-ġuri jista' jiddikjara lakkużat ħati bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħati

ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat; reċiprokament, meta persuna tkun akkużata, fl-att tal-akkuża, b'kompliċità f 'reat il-ġuri jista' jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat jew ħatja bħala l-awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat u jekk hija tkun akkużata b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat hija tista' tigi ddikjarata ħatja bħala kompliċi f'dak ir-reat jew bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat, ikkunsmat jew ittentat, jekk ikun hemm provi ta' dan:

Iżda meta persuna akkużata, fl-att tal-akkuża, b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat tiġi ddikjarata ħatja kif imsemmi qabel bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, tar-reat, ikkunsmat jew ittentat, il-piena ma għandhiex tkun aktar gravi millpiena mitluba fl-att tal-akkuża.

72. B'hekk anke jekk għall-grazzja tal-argument il-Pulizija xliet lill-appellant bħala awtur tad-delitt iżda mhux bħala kompliċi, il-Qorti tal-Maġistrati xorta waħda setgħet issibu ħati tar-reat, mhux fil-kwalita ta' awtur iżda f'dik ta' kompliċi u dan bis-saħħa tal-artikolu 467(2) tal-Kodiċi Kriminali reż applikabbli għall-Qorti tal-Maġistrati bis-saħħa tal-artikolu 525(3) tal-istess Kodiċi.

73. Jirriżulta li f'dan il-każ kien hemm żgur episodju wieħed fejn l-appellant ma ġiex misjub ħati ta' serqa minnhom fuq l-anzjana Polakka - minkejja li hija kienet waħda minn biss tnejn li rnexxielhom jidentifikaw lill-appellant bħala dak li serqilhom il-ġiżirana - u dan minħabba li l-akkużat ġiet mixli bħala awtur imma l-Qorti qiesitu li kien kompliċi. Biss kif spjegat iżjed il-fuq, din it-tip ta' xilja ma kienetx t'ostaklu għall-Qorti biex issibu ħati tar-reat ta' serq fil-kapaċita ta' kompliċi jekk kienet konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien irrenda ruħu kompliċi fil-kommissjoni ta' dak ir-reat. Dan qiegħed jingħad biss għall-fini ta' kompletezza in kwantu jirriżulta li l-anqas l-Avukat Ġenerali ma appellat mis-sentenza minħabba dan il-punt u b'hekk l-appellant baqa ma weġibx għal din is-serqa minkejja l-prova skjaċċanti li kien hu li wettaqha.

74. Fi kwalunkwe każ, fil-każijiet l-oħra li fihom instab ħati, kif ingħad, l-appellant ammetta li kien involut fis-serqa jew għax wettaqha hu jew għax ipparteċipa fiha b'mod dirett, b'mod li hu stess qiegħed lilu nnifsu fuq ix-xena tad-delitt anke jekk mhux fl-irwol tal-eżekutur materjali tas-serqa partikolari. Iżda kif ingħad kliem l-appellant kien juri li hu ma sħabu kien ħaġa waħda fit-twettieq tas-serqiet inkluż fuq il-post tas-serq jew viċin tiegħu. B'hekk dik il-Qorti setgħet, in bażi għal dik il-parteċipazzjoni mistqarra tiegħu issibu hekk ħati bħala korreu fid-delitt tas-serq.

75. Il-kwistjoni allura hija jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tistrieħ fuq l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant lil-pulizija bħala l-bażi probatorja ewlenija li tgħaqqad

(a) l-att tas-serq – li ġie pruvat mix-xiehda tal-persuni anzjani kollha għajr ħlief għal tnejn li ma xehdux,
(b) mal-persuna li wetqet dak l-att tas-serq jew li kienet direttament involuta fis-serq.

76. L-istħarriġ legali u fattwali magħmul iżjed il-fuq iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi fl-affermattiv, ossija li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tistrieħ fuq l-assjem tal-provi, u allura inkluż l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant f'dan il-każ sabiex fuqhom tkun tista' ssawwar is-sejbien ta' ħtija tagħha.

77. F'dan il-każ ma kienx hemm xenarju fejn l-appellant kien partikularment vulnerabbli minħabba eta żgħira jew ċirkostanzi oħra li jirrenduh tali. Kjarament is-sitwazzjoni tal-appellant ma kienetx toqrob anke remotament lejn sitwazzjoni estrema bħala ma kienet dik ta' Salduz fil-kawża ċelebri quddiem il-QEDB **Salduz vs. Turkey** tas-27 ta' Novembru 2008 li tista' tgħid fetħet il-bieb għal ġurisprudenza u dibattiti legali interminabbli dwar dan il-qasam tad-dritt. Fil-każ odjern ma jirriżulta minn imkien illi l-imputat appellant kien b'xi mod immaltrattat, jew mġiegħel jirrilaxxja stqarrija mill-Pulizija.

78. Illi kuntrarjament għal kaz **Salduz**, l-appellant kien iddikjara, waqt l-interrogazzjoni tiegħu, illi l-istqarrijiet mogħtija minnu lil Pulizija kienu magħmula volontarjament mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi, li kienu l-verita u wara li kien qara dawk l-istqarrijiet ma kellux xi jżid jew inaqqas, nonche għażel li jiffirmahom.

79. L-appellant kellu d-dritt illi jibqa' sieket għall-mistoqsijiet illi kienu ser isirulu waqt l-interrogazzjoni mingħajr ma ssir ebda inferenza minn dik l-għażla. F'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ **Charles Steven Muscat vs. Avukat Ġenerali** deċiża fit-8 t'Ottubru 2012 spjegat illi d-dritt għall-assistenza legali hu meħtieġ b'mod partikolari f'ċirkostanzi fejn il-liġi ta' xi pajjiż toħloq inferenzi sfavorevoli fil-konfront ta' imputat meta dan jagħżel illi jibqa' sieket waqt l-interrogatorju tiegħu u kif dan ma kienx il-każ pero' taħt il-liġi Maltija. Hi qalet illi:

> Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa'

> sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx... din il-liberta' fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awto-inkriminazzjoni.

80. Apparti li l-appellant fl-ebda mument ma allega xi trattament ħażin mill-Pulizija waqt l-interrogazzjoni; huwa aċċetta l-volontarjeta' tal-istqarrija mogħtija minnu u fl-ebda ħin ma kkontesta dak li qal fiha jew il-mod kif ittieħditlu – għajr ħlief fl-istadju tal-appell.

81. L-appellant kien assistit minn avukat matul il-proċeduri kollha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) – almenu kull meta indenja ruħu li jagħmel kuntatt mal-avukat tiegħu u li jirriżulta li kienu fil-maġġoranza tas-seduti li saru.

82. L-appellant ma kienx minorenni fi żmien meta ttieħdulu l-istqarrijiet u lanqas ma jidher, skont il-fedina penali tieghu, illi din kienet l-ewwel darba li xellef difru mal-Ġustizja. Fid-dawl ta' dan wieħed ma jistax iqis lill-appellant bħala xi persuna vulnerabbli jew faċilment impressjonabbli.

83. L-appellant kien koerenti meta huwa rrilaxxja dawn l-istqarrijiet b'mod għalhekk li huwa għaraf jiddixxerni meta, kif u fejn jikkolloka lilu nnifsu fis-serqiet li ġew magħmula fid-data, ħin u lok li kien suġġerit lilu mill-Ispettur tal-Pulizija. Huwa ried li jikkoopera mal-Pulizija billi mhux biss wieġeb għall-mistoqsijiet iżda kien ċar fl-involviment tiegħu fis-serqiet billi forna dettalji importanti, inkluż billi forna l-ismijiet u laqmijiet tal-persuni li kienu jkunu involuti miegħu fil-kommissjoni ta' dawn is-serqiet fuq il-povri nisa anzjani, inkluż il-parteċipazzjoni ta' dawk fost sħabu fis-serqiet partikolari.

84. Il-konfessjonijiet tiegħu ingħataw f'kuntest fejn – apparti li kellu diġa esperjenzi preċedenti ta' stħarriġ mill-Pulizija - huwa kien ġie mgħarraf b'mod ċar u espliċitu għal iżjed minn darba, li kellu kull dritt li l-anqas biss jiftah ħalqu, iżomm is-skiet b'mod assolut u jekk ried ma jirrispondix għal ebda mistoqsija - mingħajr ma jinkorri f'xi regola t'inferenza negattiva minħabba f'hekk. Dan id-dritt tas-silenzju assolut mhux biss ingħata lilu iżda hu għażel liberament li ma jeżerċitahx. Anzi huwa ingħata wkoll il-jedd li, jekk irid ikun jista'

jikkonsulta mal-avukat jew prokuratur legali tal-fiduċja tiegħu fil-modalita li kienet tippermetti l-Liġi f'dak iż-żmien. Iżda huwa għażel li ma jagħmilx hekk u ma jikkonsulta ma ebda persuna legali qabel ma beda jiġi mistoqsi u jwieġeb għall-mistoqsijiet magħmula lilu mill-Pulizija. Il-fatt li ma kienx hemm dritt fil-Liġi li jkollu avukat miegħu waqt l-interrogatorju ma kienx – għal dak is-sempliċi fatt – jilledi xi jedd attwali tiegħu. Kif poġġitha elokwentement il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Muscat vs. Avukat Ġenerali**:

> Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis- sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.

85. Mill-atti proċesswali bl-ebda mod ma jirriżulta li l-appellant ġie imċaħħad mid-dritt li jkunu jista' jikkonsulta ma' avukat. Jekk xejn ingħata d-dritt li jikkonsulta ma avukat skont il-Liġi viġenti dak iż-żmien u kien hu stess li liberament, għal darba, tnejn, għażel li ma jagħmilx użu minn dak id-dritt. Dan bid-dovut rispett jikkontrasta l-fatti fil-każijiet **Salduz** u **Panovits** tal-QEDB. F'dawn il-każijiet, il-Liġi fil-pajjiżi rispettivi kienet tipprovdi għad-dritt għal assistenza legali jew konsulta legali u din ma ġietx offruta lilhom fil-mument opportun.[32]

---

[32] Fil-każ Salduz, il-Liġi viġenti kienet is-segwenti (meħuda mill-full text judgment): -
The legislation in force at the time of the application
27. The relevant provisions of the former Code of Criminal Procedure (no. 1412), namely Articles 135, 136 and 138, provided that anyone suspected or accused of a criminal offence had a right of access to a lawyer from the moment they were taken into police custody. Article 138 clearly stipulated that for juveniles legal assistance was obligatory.
28. According to section 31 of Law no. 3842 of 18 November 1992, which amended the legislation on criminal procedure, the above-mentioned provisions were not applicable to persons accused of offences falling within the jurisdiction of the state security courts.
Fil-każ Panovits, il-Liġi viġenti kienet is-segwenti (meħuda mill-full text judgment): -
1. Domestic law
42. Section 8 of the Criminal Procedure Law, Cap. 155 provides as follows:
"Without prejudice to the generality of section 3 of this Law and without prejudice to the operation of section 5 of this Law the rules for the time being approved by Her Majesty's Judges of the Queen's Bench Division in England relating to the taking of statements by police officers (known as 'The Judges' Rules') shall apply to the taking of statements in the Colony as they apply to the taking of statements in England".
43. Section 13 of the Criminal Procedure Law, Cap. 155 provides, in so far as relevant, as follows:
"...Any [arrested] person while in custody shall be given reasonable facilities for obtaining legal advice, for taking steps to obtain bail and otherwise for making arrangements for his defence or release."
44. Rule II of the Judges' Rules provides as follows:
"As soon as a police officer has evidence which would afford reasonable grounds for suspecting that a person has committed an offence, he shall caution that person or cause him to be cautioned before putting to him any questions, or further questions, relating to that offence.
The caution shall be in the following terms:
'You are not obliged to say anything unless you wish to do so but what you say may be put into writing and given in evidence.' "

86. Ma jirriżultax li l-appellant ġie b'xi mod imċaħħad minn xi aċċess għal dokumenti rigwardanti l-arrest tiegħu.

87. Kontra dak li seħħ fil-każ **Salduz**, ir-reati li kienu ipotizzati fil-konfront tal-imputat appellat ma kienux xi reati ta' natura politika jew xi tipoloġija ta' reati li setgħet kienet soġġetta għal xi reġim legali proċedurali speċjali.

88. L-appellant qatt ma allega li kienet intużat xi vjolenza kontra tiegħu jew ġab prova ta' xi ġrieħi sofferti ad opera tal-Pulizija. Lanqas ma jidher li qatt għamel xi allegazzjoni jew xi att ġudizzjarju kontra l-Pulizija biex jipprotesta xi abbuż da parti tal-Pulizija involuti fl-investigazzjonijiet fil-konfront tiegħu. Lanqas ma hemm provi li l-imputat appellat ipprotesta f'xi punt li din l-istqarrija ġiet meħuda minnu permezz ta' vjolenza, pressjoni jew maniġġi ossija « duress ». Anzi jirriżulta saħansitra iffirma l-istqarrija! Lanqas ma jidher li f'xi ħin l-imputat talab għal assistenza medika – u dan għaliex ma kienx hemm bżonn, ovvjament.

89. Rigward il-fatt illi l-appellant ma kellux opportunita li jikkonsulta ma avukat waqt l-interrogazzjoni – anke jekk dan id-dritt sussegwentement ġie introdott fis-sistema legali Malti - bid-dovut rispett, anke fiċ-ċirkostanzi partikolarissimi ta' Salduz u Panovits, il-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem ma kienetx kategorika dwar l-applikabbilita ta' dan id-«dritt» *tout court*. Id-dritt t'assistenza legali qabel u/jew waqt interrogatorju huwa imporanti iżda mhux dritt assolut. Apparti minn hekk il-Qorti trid tieħu kont taċ-**<u>ċirkostanzi kollha tal-każ</u>**, kif ukoll tal-proċeduri penali kollha – **<u>inkluż</u>** il-mod ta' kif ikun sar interrogatorju – inkluż il-mod ta' kif persuna tagħmel konfessjoni - għaliex anke dan huwa parti mill-proċess penali u dan id-dritt irid jiġi tenut in konsiderazzjoni fl-isfond <u>tat-totalita tal-proċeduri u mhux bażat biss fuq partijiet partikolari tal-proċeduri penali</u> b'mod skonness minn mal-assjem tal-proċeduri penali kollha. Għalkemm l-istadju tal-interrogatorju huwa importanti, kif mistqarr **f'Salduz**, dan mhux l-uniku stadju fejn persuna tkun qed tippartećipa fil-proċedura penali.

90. Meta tiġi biex tistħarreġ l-overall fairness il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali trid tqis il-persuna suġġetta għall-proċedura kriminali

b'mod sħiħx.  Il-Qorti trid tifhem min hi l-persuna li kienet qed tirrilaxxja  l-istqarrijiet, il-preżent kif ukoll il-passat u l-anteċedenti tagħha, l-eta' tagħha, il-mod ta' kif tali konfessjoni tkun saret, il-kuntest li l-konfessjoni tkun saret fiha, il-modalita ta' kif ikun ġie kondott tali interrogatorju, il-mod ta' kif ingħataw it-tweġibiet mill-imputat appellat, il-proċeduri segwiti mill-Pulizija, iċ-ċirkostanzi kollha li sawru tali konfessjoni u aktar importanti jekk tali konfessjonijiet kienux magħmula skont il-Liġi ordinarja tal-pajjiż u ċjoe' kienetx konfessjoni magħmula volontarjament mill-appellant u jekk hu riedx liberament li jagħmilha dik il-konfessjoni – minkejja li qabel ma għamilha kien debitament imwissi dwar id-dritt tas-silenzju li huwa kien igawdi u l-konsegwenzi li jitnisslu jekk huwa jagħżel li jitkellem fil-kuntest t'interrogatorju polizjesk – u li minkejja dan huwa għażel li jitkellem xorta waħda u li jistqarr ħtijietu xorta waħda – u dan anke wara li kien ġie mogħti l-jedd li jikkonsulta privatament ma avukat skont il-liġi fis-seħħ dak iż-żmien u huwa liberament rrifjuta għal darbtejn milli jaħgmel dan.

91. Jibqa' l-fatt li l-appellant għamel konfessjonijiet inkondizzjonati u dettaljati : b'dettalji li huma sinifikanti f'diversi aspetti. Din il-konfessjoni kienet magħmula minnu liberament u ma kienetx estorta jew ottjenuta konsegwenza ta' xi swat jew sforzi jew wegħdi jew biża minn naħa tal-Pulizija.  L-appellant kien ben konsapevoli minn dak li kien qed jagħmel u fl-aħħar mill-aħħar ma kienx tifel żgħir, vulnerabbli u bla difiża.

92. Il-Liġi Maltija, fil-Kodiċi Kriminali, tipprovdi regola sempliċi u sagrosanta dwar il-konfessjoni u li fiż-żmien meta saru l-istqarrijiet kienet tgħid–

> 658. Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

93. Bid-dovut rigward, dan l-artikolu għadu jinsab fil-Kodiċi Kriminali Malti u s'issa ma ġiex dikjarat inkostituzzjonali. Fil-fatt, b'digriet tas-16 ta' Frar 2012 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Gialanze** l-Imħallef Onorevoli Dr. Lawrence Quinatano għaraf il-fatt illi s'issa l-ebda Qorti Kostituzzjonali ma ddikjarat li dan l-artikolu u l-artikoli li jsegwu bħala li huma lesivi ta' xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem.  Dan l-artikolu ma jagħmilx distinzjoni fir-rigward tal-**kuntest** fejn tali konfessjoni tiġi

magħmula u minn min tiġi magħmula. Ma jagħmilx distinzjoni bejn sitwazzjoni fejn konfessjoni tkun magħmula minn persuna lill-Pulizija fi stadju t'investigazzjoni jew jekk tkun magħmula ma terzi persuni f'kuntest mhux investigattiv. L-enfażi ta' din il-Liġi sempliċi u ordinarja hija li konfessjoni, magħmula ma min u fejn magħmula, dment li hija magħmula b'mod ħieles, u dment li tkun magħmula skont dan l-artikolu, kif fil-fatt sar, għandu jkollha s-saħħa ta' prova favur jew kontra dak li jkun għamilha. Dment li din il-konfessjoni ossija stqarrija tkun magħmula mill-persuna li tirrilaxxjaha volontarjament u ma tkunx ġiet imġegħla jew meħuda b'theddid jew b'biza jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi tista tinġieb bi prova. Il-Liġi ma tridx li persuna tkun **imġiegħla** li tagħmel konfessjoni – ċioe' biex tkun valida trid tkun konfessjoni **magħmula bir-rieda ħielsa u konsapevoli** tagħha – irrispettivament fejn, ma min u meta tkun saret din il-konfessjoni.

94. Naturalment illum il-ġurnata, il-Liġi Maltija wara d-dħul fis-seħħ tal-Att LI tal-2016 tipprovdi wkoll għal assistenza legali matul l-interrogatorju. Iżda din il-kwalita ta' assistenza ma tistax tiġi imposta fuq il-persuna interroganda. Fil-fatt il-Liġi Maltija u Ewropea tippermetti lill-interrogand li jirrifjuta li jkollu tali assistenza, dment li huwa jkun ġie debitament imwissi b'dak id-dritt u li dak id-dritt ikun effettivament ġie offrut lilu. Imma bl-istess mod, jekk il-Liġi Maltija kienet tippermetti kwalità u forma ta' assistenza legali – għalkemm mhux fi grad ta' protezzjoni daqs dak tal-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni – u l-interroganda kien jirrifjuta li jkollu dik l-istess assistenza, allura dik id-deċiżjoni kellha wkoll tiġi rispettata u n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni per se ma jġibx miegħu għal dak il-fatt innifsu l-inammissibilita bħala prova ta' dak li l-interrogand ikun stqarr matul ir-rilaxx tal-istqarrijiet tiegħu.

95. Għalhekk fix-xenarju pre Att LI tal-2016, jekk persuna interroganda, **wara** li tkun debitament **imwissija direttament, personalment u verbalment** mill-uffiċjal investigattiv li għandha d-dritt li ma tgħid xejn **u** li jekk titkellem dak li tgħid ikun jista jinġieb bi prova, **u qabel** ma tibda titkellem u/jew twieġeb għall-mistoqsijiet li jsirulha mill-Pulizija, tiġi wkoll mogħtija d-dritt li tikkonsulta ma avukat skont il-Liġi ta' dak iż-żmien, u din tirrifjuta dan id-dritt, **u minkejja din it-twissija espliċita u r-rifjut tal-parir legali qabel tibda titkellem mal-Pulizija**, xorta waħda **tagħżel liberament** li titkellem u tistqarr ħtijietha, il-fatt li ma tkunx tkelmet jew ottjeniet parir legali qabel jew waqt l-interrogatorju, ma jfissirx li ***per necessita*** **dak li**

**tkun stqarret liberament wara d-debita twissija ikun inammissibbli bħala prova** fi proċeduri kriminali.

96. Fil-każ **Panovits** il-QEDB qalet hekk:

> 74. Concerning the applicant's complaint as to his right to remain silent, the Court notes that the Government maintained that the applicant had been cautioned in accordance with domestic law both at the time of his arrest and before his written statement had been taken. The applicant did not dispute this. The Court notes that in accordance with domestic law the applicant was told that he was not obliged to say anything unless he wished to do so and that what he said could be put into writing and given in evidence in subsequent proceedings (see paragraph 44 above). The Court finds, given the circumstances of the present case, in which the applicant had been underage and was taken for questioning without his legal guardian and without being informed of his right to seek and obtain legal representation before he was questioned, that it was unlikely that a mere caution in the words provided for in the domestic law would be enough to enable him to sufficiently comprehend the nature of his rights.

97. U dan juri kemm il-każ **Panovits** kien differenti mill-każ preżenti. Inoltre, il-problema prinċipali fil-każ **Panovits** kienet li l-istqarrija tiegħu li ġiet kontestata immedjatament minn Panovits, ġiet ritenuta ammissibbli mill-Qorti Ċiprijota.[33] F'dan il-każ in disamina l-appellant bl-ebda mod ma kkontesta l-istqarrijiet tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

98. L-għażla ħielsa ta' interrogand li jirrifjuta l-assistenza legali hija deċiżjoni li għandha tiġi rispettata. Fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja mogħtija fil-31 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet **Plonka vs. Poland** ġie ritenut illi:

> The Court reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a

---

[33] Fil-fatt il-Qorti Ewropeja, iddeċidiet is-segwenti :

75. Lastly, the Court considers that although the applicant had the benefit of adversarial proceedings in which he was represented by the lawyer of his choice, the nature of the detriment he suffered because of the breach of due process at the pre-trial stage of the proceedings was not remedied by the subsequent proceedings, in which his confession was treated as voluntary and was therefore held to be admissible as evidence.
76. In this connection the Court notes that despite the fact that the voluntariness of the applicant's statement taken shortly after his arrest was challenged and formed the subject of a separate trial within the main trial, and although it was not the sole evidence on which the applicant's conviction was based, it was nevertheless decisive for the prospects of the applicant's defence and constituted a significant element on which his conviction was based. It is indicative in this respect that the Supreme Court found that throughout the course of the first-instance proceedings the applicant had consistently tried to negate his initial statement, an approach which had a great impact on the court's assessment of his credibility.

> lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless Article 6 (3) (c) does not specify the manner of exercising this right. It leaves to Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial system, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused.

99. Id-dritt tal-assistenza legali huwa importanti. Pero' ma jfissirx li huwa assolut. Ma jfissirx li jekk mogħti skont il-Liġi viġenti u ma jkunx ġie eżerċitat mill-appellant allura kwalunkwe konfessjoni, fi kwalunkwe kuntest, tkun ivvizjata għaliex meħuda bi ksur tad-drittijiet fundamentali. Dan l-argument huwa wieħed assolutista, li jista' jwassal għal eżerċizzju alkwantu demagoġiku u ideoloġiku li huwa aktar teoriku aktar milli prattiku u effettiv għal-ġid tal-komunita.

100. Fil-każ in disamina, il-Qorti tal-Maġistrati waslet biex tagħti s-sentenza finali kundannatorja tagħha wara li qieset l-istqarrijiet tal-appellant, qieset kont **taċ-ċirkostanzi kollha** li fihom dawn l-istqarrijiet ġew rilaxxati u applikat il-prinċipji legali li ħarġu mill-każijiet Maltin u tal-QEDB. Dik il-Qorti rat u indagat it-totalita tal-proċeduri li waslu għal dawk il-konfessjonijiet, u is-sitwazzjoni personali ta' min għamilhom, il-mod ta' kif saru l-interrogatorji, il-mod ta' kif dawk l-istqarrijiet ġew mogħtija, u l-forma mentis speċifiku tal-imputat.

101. Allura dawk l-istqarrijiet mogħtija f'dak il-kuntest minn dik il-persuna jistgħu jittieħdu bi prova fi proċeduri kriminali in kwantu bażati fuq il-prinċipju fundamentali proċedurali Malti l-ieħor misjub fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali – artikolu li jiffoka fuq l-importanza u s-sustanza tal-konfessjoni u fuq il-qofol ta' dak li jsawwar il-konfessjoni – u li fuqha tali konfessjoni tkun tistrieh u ċioe **t-test ċentenarju tal-volontarjeta, tal-espressjoni tar-rieda ħielsa tal-individwu** u ċjoe kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Dan huwa l-għerf tal-Liġi proċedurali Maltija li qatt ma kien mibdul fis-sustanza tiegħu s'issa sa' mill-10 ta' Ġunju 1854 lil hawn. L-għerf ta' din il-Liġi jirrifletti integrita legali u morali għolja – ċjoe' dik li tirrispetta l-liberta tal-individwu li jiddeċiedi hu għalih innifsu x'għandu jagħmel, ir-rispett lejn l-individwu li jagħżel liberament li

jesprimi ruħu nonche wkoll ir-rispett għar-rettitudni morali li dak li jkun (meta jkun għaraf ħtijietu għal ksur tal-Liġi Penali) jagħżel liberament li jistqarr l-involviment tiegħu fil-kommissjoni ta' reat u jekk xejn iserraħ il-kuxjenza tiegħu. L-appellant ġie mwissi bil-jeddijiet tiegħu, inkluż dawk li jkollu assistenza legali skont il-Liġi ta' dak iż-żmien, u hu għażel li jirrifjutaha. Kif jgħid tajjeb l-Ingliż, « pre-warned, pre-armed ». U hekk ġara f'dan il-każ. L-imputat appellat kien « pre-warned » mill-uffiċjal investigattiv – u suppost kien ukoll « pre-warned » mill-esperjenza passata tiegħu meta kien diġa ġie interrogat mill-Pulizija in konnessjoni mar-reat kommess minnu preċedentement. Huwa għażel li jikkollabora u jgħin lill-Pulizija minkejja dan. U għalhekk ukoll għażel liberament u volontarjament li jikkonfessa l-involviment tiegħu. Huwa kien konsapevoli mhux biss li kellu d-dritt tas-silenzju, iżda wkoll li kull kelma li kien ser jgħid kienet ser tinġieb bi prova. U xorta għażel li jitkellem. Dik kienet l-għażla libera tal-persuna. Il-Pulizija f'dan il-każ ma kkommettiet ebda nuqqas – la proċedurali u lanqas sostantiv skond il-Liġi viġenti fil-mument meta ġew rilaxxjati l-istqarrijiet de quo[34] u f'kuntest fejn skond il-ġurisprudenza nostrana l-ammissjoni kienet titqies ukoll bħala l-prova reġina.[35]

102. Iż-żewġ stqarrijiet tal-appellant jispiċċaw b'mistoqsija :

**Jiddispjeċik minn dak li għamilt ?**
**Ħafna, ħafna, ħafna u ma xtaqt nwegga lil hadd.**

**U l-oħra :**

**Jiddispjeċik minn dak li għamilt ?**
**Ħafna.**

103. Bid-dovut rigward, din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib li l-istqarrijet tal-appellant kienu ammissibbli bħala prova, daqskemm in bażi tagħhom u tal-kumplament tal-provi prodotti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant. Anzi kif spjegat iżjed il-fuq, u anke għal raġunijiet oħra, kien hemm ukoll lok fejn is-sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-appellant setgħa jkun iżjed serju. Iżda

[34] Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.
[35] Ara **Il-Pulizija vs Richard Borg**, Qorti tal-Appell Kriminali, 18 ta' Settembru 2002 :
Hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jew b'biza, jew b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra tieghu.(Art. 658 Kap.9)

ġaladarba l-Avukat Ġenerali ma appellatx mis-sentenza, din il-Qorti ma tistax tibdel is-sentenza għall-agħar.

104. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiċħad l-aggravji tal-appellant.

**Kunsiderazzjonijiet rigward il-Piena Inflitta.**

105. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

106. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

107. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir- Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

108. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

109. Magħdud dan kollu din il-Qorti tirrileva li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet il-piena ta' disa' xhur priġunerija. Din kienet piena li kienet ferm baxxa tenut kont tal-fatt li l-piena erogabbli għal serq sempliċi bħal dak misjub ħati tagħhom l-appellant kienet minn xahar sa sitt xhur f'kull każ. Iżda anke hawn ma kienx hemm appell mill-Prosekutur dwar din il-piena. Din il-Qorti ma tqisx li tista ssir varjazzjoni fl-istess.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**